



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.6.2019
COM(2019) 285 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Ningħaqdu flimkien biex inwettqu l-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika -
Nistabilixxu l-pedamenti għal tranżizzjoni b'suċċess lejn l-enerġija nadifa**

{SWD(2019) 212 final} - {SWD(2019) 213 final}

1. INTRODUZZJONI – IR-RWOL TAL-PJANIJIET NAZZJONALI INTEGRATI GĦALL-ENERĠIJA U L-KLIMA

L-Unjoni Ewropea hija determinata li twettaq l-impenji tagħha biex tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra u li tipprovdi enerġija sigura, affidabbli u sostenibbli għaċ-ċittadini tagħha. Aħna l-ewwel ekonomija ewlenija li qed indaħħlu fis-seħħ qafas legalment vinkolanti biex inwasslu u mmorru lil hinn minn dak li wegħidna taħt il-Ftehim ta' Pariġi. Abbażi tal-proposti tal-Kummissjoni, aħna adottajna qafas leġiżlattiv ambizzjuż għall-2030, u implimentajna l-Unjoni tal-Enerġija b'azzjoni klimatika li tħares 'il quddiem. Stabbilixxejna miri ambizzjużi għall-2030 għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, li se jeħtieġu li jintlaħqu sforzi sostnuti u konġunti. Dan jirrappreżenta pass importanti fit-tranżizzjoni fit-tul lejn enerġija nadifa fil-perspettiva tal-2050, kif ippreżentata fl-istrateġija fit-tul¹. Dawn il-miri mhumiex limiti iżda pjuttost livelli minimi u bl-inċentivi t-tajba jistgħu saħansitra jinqabżu.

Ir-Regolament tal-UE dwar il-Governanza² ħoloq sistema unika ta' governanza tal-enerġija u tal-klima li tiżgura li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jkunu jistgħu jippjanaw flimkien u jissodisfaw kollettivament dawn il-miri tal-2030, kif ukoll jiżguraw tranżizzjoni għal ekonomija newtrali għall-klima li hija ġusta u kosteffikaċi għal kulħadd. Id-Dikjarazzjoni ta' Sibiu³ affermat mill-ġdid fl-oġhla livell l-impenn tal-Unjoni li tkun mexxejja globali responsabbli għat-tibdil fil-klima, filwaqt li tipproteġi liċ-ċittadini tagħna, tippreserva l-ambjent tagħna u żżomm mal-prinċipju tal-ġustizzja.

	EMISSIONIJIET TAL-GASSIJIET B'EFFETT TA' SERRA	ENERĠIJA RINNOVABBLI	EFFIĊJENZA ENERĠETIKA	INTERKONNESSJONI	IL-KLIMA FIL-PROGRAMMI FFINANZJATI MILL-UE	CO2 MINN:
2020	-20%	20%	20%	10%	2014-2020 20%	
2030	≥ -40%	≥ 32%	≥ 32,5%	15%	2021-2027 25%	KAROZZI -37,5% Vannijiet -31% Trakkijiet -30%

Klawżola ta' reviżjoni 'l fuq sal-2030

Illustrazzjoni 1: Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030

Għall-ewwel darba, l-Istati Membri kollha ħejjew abbozzi ta' Pjanijiet Nazzjonali integrati għall-Enerġija u l-Klima (NECPs)⁴. Huma ħadmu biex jeqirdu l-ostakoli – bejn il-politiki u s-setturi, bejn id-dipartimenti tal-gvern, mal-partijiet ikkonċernati u l-pubbliku, u bejn il-fruntieri – biex jiddefinixxu triq għall-għanijiet tal-2030. Għad hemm diskrepanzi, imma dan huwa biss l-ewwel pass minn ħafna qabel l-2030 u se nitgħallmu minnu. Filwaqt li tibni fuq l-ispirtu eċċellenti ta' kooperazzjoni matul l-aħħar tliet snin,

¹ COM(2018) 773 final.

² Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika.

³ Id-Dikjarazzjoni ta' Sibiu, Laqgħa informali tal-kapijiet ta' stat jew gvern, Sibiu, ir-Rumanija d-9 ta' Mejju 2019.

⁴ Kif meħtieġ mill-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u l-Azzjoni Klimatika.

il-Kummissjoni se tkompli taħdem b'mod kostruttiv u intensiv mal-Istati Membri biex tiffinalizza u mbagħad timplimenta l-pjanijiet nazzjonali tagħhom. Ir-Rakkomandazzjonijiet għall-pjanijiet finali li jakkumpanjaw din il-Komunikazzjoni se jiggwidaw din il-ħidma fi spirtu kontinwu ta' kollaborazzjoni. Fir-rapport tal-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija għall-2020 il-Kummissjoni se tanalizza l-pjanijiet finali u tikkonferma jekk humiex konsistenti mal-miri tal-Unjoni għall-2030 jew jekk hemmx bżonn ta' aktar sforzi. Il-proċess ta' governanza jipprovdi wkoll opportunità biex jiġu aġġornati l-pjanijiet fl-2024 biex jirriflettu l-esperjenza u biex jieħdu vantaġġ minn opportunitajiet ġodda għall-bqija tad-deċennju.

L-NECPs għandhom rwol ewlieni fis-sistema ta' governanza tagħna biex jiżguraw li ningħaqdu u nwettqu l-għanijiet tagħna flimkien. Dawn għandhom jipprovdu kemm jista' jkun ċarezza u prevedibbiltà għas-settur tan-negozju u finanzjarju biex jistimulaw l-investimenti privati meħtieġa. Se jiffaċilitaw ukoll l-ipprogrammar tal-fondi u tal-investimenti tal-Istati Membri fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss għall-2021-2027.

Din il-Komunikazzjoni tanalizza l-abbozzi tal-NECPs u tħares lejn l-effetti aggregati tagħhom biex jilħqu l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija tal-UE u l-miri tal-2030. Tikkomplementa l-analizzijiet iddetaljati fuq il-livell nazzjonali⁵ u Ewropew⁶, u r-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi indirizzati lil kull Stat Membru.⁷ Flimkien dawn se jgħinu lill-Istati Membri jiffinalizzaw l-NECPs tagħhom sal-aħħar tal-2019. L-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet se tinvolvi djalogu iterattiv kontinwu li jwassal għall-finalizzazzjoni tal-NECPs. Fl-aħħar mill-aħħar il-proċess għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-immodernizzar tal-ekonomija tal-Unjoni f'konformità mal-għan fit-tul tan-newtralità tal-klima.

Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri biex tgħinhom iqisu kif xieraq⁸ ir-Rakkomandazzjonijiet fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri u l-Unjoni iżda wkoll fost l-Istati Membri.

⁵ SWD(2019) 211; SWD(2019) 225; SWD(2019) 214; SWD(2019) 275; SWD(2019) 229; SWD(2019) 277; SWD(2019) 230; SWD(2019) 261; SWD(2019) 262; SWD(2019) 263; SWD(2019) 224; SWD(2019) 264; SWD(2019) 223; SWD(2019) 265; SWD(2019) 228; SWD(2019) 266; SWD(2019) 267; SWD(2019) 268; SWD(2019) 227; SWD(2019) 226; SWD(2019) 281; SWD(2019) 272; SWD(2019) 273; SWD(2019) 271; SWD(2019) 274; SWD(2019) 276; SWD(2019) 278; SWD(2019) 279.

⁶ SWD(2019) 212.

⁷ C(2019) 4401; C(2019) 4402; C(2019) 4403; C(2019) 4404; C(2019) 4405; C(2019) 4406; C(2019) 4407; C(2019) 4408; C(2019) 4409; C(2019) 4410; C(2019) 4411; C(2019) 4412; C(2019) 4413; C(2019) 4414; C(2019) 4415; C(2019) 4416; C(2019) 4417; C(2019) 4418; C(2019) 4419; C(2019) 4420; C(2019) 4421; C(2019) 4422; C(2019) 4423; C(2019) 4424; C(2019) 4425; C(2019) 4426; C(2019) 4427; C(2019) 4428.

⁸ Skont l-Artikolu 34 tar-Regolament dwar il-Governanza, f'każ ta' diskrepanza fl-ambizzjoni, il-Kummissjoni, skont kif ikun xieraq, għandha toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-oġġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija. L-Istat Membru kkonċernat għandu jqis kif xieraq ir-rakkomandazzjonijiet.

2. VALUTAZZJONI TAL-ABBOZZ TA' PJANIJET NAZZJONALI INTEGRATI GĦALL-ENERĠIJA U L-KLIMA

2.1. Valutazzjoni fl-UE kollha tal-miri għall-2030 għall-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u l-gassijiet b'effett ta' serra u l-interkonnessjonijiet tal-elettriku

Il-miri tal-Unjoni għall-2030 għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika ġew espressi u miftiehma fil-livell tal-UE mingħajr il-miri vinkolanti fil-livelli nazzjonali li fuqhom għandhom ikunu bbażati. Minflok, ġew stabbiliti metodi ta' ħidma ġodda u strumenti ġodda biex jippermettu l-ilħuq kollettiv tal-oġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija. Bħala l-ewwel pass f'dan il-proċess, ir-Regolament dwar il-Governanza jirrikjedi li l-Istati Membri jinkludu fl-abbozzi tal-NECPs tagħhom kontributi nazzjonali li huma biżżejjed għall-ilħuq kollettiv tal-miri tal-Unjoni għall-2030. Bħala t-tieni pass, il-Kummissjoni għandha tivvaluta u tippromwovi livell suffiċjenti ta' "ambizzjoni" kollettiva fid-dawl ta' dawk il-miri tal-Unjoni.

2.1.1. Enerġija rinnovabbli

L-Unjoni għandha żżomm u ssaħħaħ it-tmexxija dinjija tagħha fis-sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Din mhix biss kwistjoni ta' sigurtà ta' provvista u politika responsabbli dwar it-tibdil fil-klima. Hija wkoll imperattiva tal-politika industrijali li jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tat-tkabbir ekoloġiku.

Kważi l-Istati Membri kollha ssottomettew il-kontributi tagħhom għall-mira tal-Unjoni dwar l-enerġija rinnovabbli. Madwar terz tal-Istati Membri ssottomettew kontributi ambizzjużi, bid-**Danimarka**, l-**Estonja**, **Spanja**, il-**Litwanja** u l-**Portugall** jippreżentaw kontributi għoljin b'mod sinifikanti⁹.


Madankollu, għad hemm diskrepanza għall-EU28. Skont l-abbozzi tal-pjanijiet attwali, minflok tal-inqas 32 %, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli jilħaq bejn 30,4 % u 31,9 % fl-2030 fil-livell tal-Unjoni¹⁰.

Konsegwentement, ir-Rakkomandazzjonijiet jistiednu bosta Stati Membri biex jerġgħu jikkunsidraw il-livell tal-ambizzjoni tagħhom biex jiżguraw li din id-diskrepanza ta' "ambizzjoni" identifikata tal-UE tingħalaq bis-sottomissjoni tal-NECPs finali. Iż-żieda fil-kontributi nazzjonali kif xieraq - filwaqt li Stati Membri ambizzjużi jżommu l-kontributi tagħhom kif inklużi fl-abbozzi tal-NECPs - hija kruċjali biex tippermetti l-ilħuq ibbilanċjat u kosteffikaċi tal-mira fil-livell tal-Unjoni, li twitti t-triq għall-ħolqien ta' suq Ewropew veru għall-enerġija rinnovabbli. Dan jippermetti lill-Unjoni kollha biex tisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal tagħha għall-użu kosteffikaċi tal-enerġija

⁹ Skont l-Artikolu 31 tar-Regolament dwar il-Governanza, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-ambizzjonijiet fl-enerġija rinnovabbli tal-Istati Membri huma bbażati fuq il-formula stabbilita fl-Anness II tar-Regolament, li hija bbażata fuq il-kriterji oġġettivi elenkati fl-Artikolu 5, filwaqt li jqisu kif xieraq iċ-ċirkostanzi rilevanti li jaffettwaw l-użu tal-enerġija rinnovabbli kif indikat mill-Istati Membri. Il-metodoloġija segwita mill-Kummissjoni biex tivvaluta l-kontributi għall-enerġija rinnovabbli hija ddetaljata aktar fit-Taqsima II tal-SWD(2019) 212.

¹⁰ Minbarra d-diskrepanza identifikata għall-EU28, il-livell globali li għandu jinkiseb fl-2030 jibqa' dipendenti ħafna fuq il-kontribut tal-Istati Membri ambizzjużi u fuq il-konsum finali gross tal-enerġija.

rinnovabbli, tikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja u tad-dipendenza fuq l-importazzjoni tal-karburanti fossili, u tibbenefika minn pożizzjoni ta' tmexxija fil-proċess ta' tranżizzjoni tal-enerġija.



Illustrazzjoni 2: Kontributi nazzjonali għas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli (Sors: Kalkoli tal-Kummissjoni tal-UE bbażati fuq informazzjoni mill-abbozzi tal-NECPs).


2.1.2. Effiċjenza enerġetika

L-istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija hija bbażata fuq il-prinċipju “l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel”. Madankollu, il-miri tal-effiċjenza enerġetika għall-2020 huma f’riskju bħala riżultat ta’ żieda fil-konsum tal-enerġija fis-snin riċenti. Abbażi tal-kontributi nazzjonali mressqa fl-abbozzi tal-NECPs, ftit Stati Membri biss ipproponew livell suffiċjenti ta’ kontributi għall-2030. Dawk huma partikolarment l-**Italja**, il-**Lussemburgu** u **Spanja** (kemm il-konsum tal-enerġija primarja kif ukoll il-konsum tal-enerġija finali), in-**Netherlands** (għall-konsum tal-enerġija primarja) u **Franza** (għall-konsum tal-enerġija finali). Xi Stati Membri għad iridu jissottomettu l-kontribut nazzjonali.

Bħala konsegwenza, il-valutazzjoni aggregata turi **diskrepanza sostanzjali mal-livelli fil-mira tal-Unjoni tal-konsum tal-enerġija primarja u finali** ta’ mill-inqas 32,5 % sal-2030¹¹. **Għall-konsum tal-enerġija primarja, id-diskrepanza tvarja minn 118 sa 43 Mtoe** (bil-firxa konsiderevoli tiddependi fuq jekk isirux suppożizzjonijiet aktar konservattivi jew aktar ambizzjużi għall-pajjiżi li ma sottomettewx il-kontribut nazzjonali), li tikkorrispondi għall-kisba ta’ 26,3 % sa 30,2%, filwaqt li għall-**konsum**

¹¹ Il-metodoloġija segwita mill-Kummissjoni biex tivvaluta l-kontributi għall-effiċjenza enerġetika hija ddetaljata aktar fit-Taqsima III tal-SWD(2019) 212.

tal-enerġija finali d-diskrepanza tvarja minn 85 sa 26 Mtoe, li tikkorrispondi għall-kisba ta' 26,5 % sa 30,7 %.



Illustrazzjoni 3: Diskrepanza kollettiva fil-kontributi għall-effiċjenza enerġetika fil-konsum tal-enerġija primarja u finali. (Sors: Kalkoli tal-Kummissjoni tal-UE bbażati fuq informazzjoni mill-abbozzi tal-NECPs).

F'dan l-isfond, l-Istati Membri kollha li l-kontributi tagħhom huma vvalutati bħala mhux biżżejjed f'dan l-istadju huma rrakkomandati biex jirrieżaminawhom u jikkunsidraw li jżidu l-livell ta' ambizzjoni, sabiex id-“diskrepanza fl-ambizzjoni” identifika tingħalaq bis-sottomissjoni tal-NECPs finali.


2.1.3. Emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra

L-Unjoni kkomunikat kontribut iddeterminat nazzjonalment skont il-Ftehim ta' Pariġi ta' **mill-inqas 40 % tnaqqis domestiku fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra sal-2030** meta mqabbel mal-1990. Bis-saħħa tal-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni kollha tal-Unjoni tal-Enerġija proposta mill-Kummissjoni taħt il-mandat tal-President Juncker, l-Unjoni kienet l-ewwel ekonomija dinjija ewlenija li sarrfet il-kontribut tagħha tal-Ftehim ta' Pariġi f'leġiżlazzjoni konkreta. L-implimentazzjoni effettiva tal-miri kollha tal-klima, l-enerġija u l-mobbiltà nadifa stipulati fid-dritt tal-Unjoni tista' saħansitra twassal għal tnaqqis fil-gassijiet b'effett ta' serra ta' madwar -45 % fl-2030 meta mqabbel mal-1990.

Abbażi tal-miżuri ppjanati jew tal-ambizzjonijiet ddikjarati għat-tnaqqis nazzjonali tal-gassijiet b'effett ta' serra inklużi fl-abbozz tal-NECPs, u abbażi ta' suppożizzjonijiet konservattivi għall-pajjiżi li ma ssottomettew l-ebda waħda mit-tnejn, huwa stmat li t-tnaqqis kumplessiv tal-gassijiet b'effett ta' serra għall-Unjoni huwa diġà konformi mal-mira tat-tnaqqis ta' -40 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra għall-2030 meta mqabbel mal-1990. Dan jirrappreżenta progress sinifikanti meta mqabbel mat-tnaqqis preċedenti li pproġettaw l-Istati Membri.

Ir-Regolament dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi¹² jawtorizza tnaqqis fl-Unjoni kollha f'setturi mhux koperti mis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) ta' -30 % meta mqabbel mal-2005. Il-miri nazzjonali tal-Istati Membri jvarjaw minn 0 sa -40 %, u għandhom flessibilità sinifikanti dwar kif jinkisbu, eż. trasferimenti bejn l-Istati Membri jew bl-użu ta' ċertu ammont ta' assorbimenti addizzjonali ta' emissjonijiet fis-settur tal-użu tal-art. Spanja, il-Lussemburgu u l-Iżvezja stabbilixxew miri nazzjonali aktar ambizzjużi fis-setturi barra l-EU ETS¹³.

L-aggregazzjoni tal-miżuri nazzjonali attwalment ippjanati f'dawn is-setturi pprovduti fl-abbozzi tal-NECPs turi li l-Unjoni diġà tista' tikseb tnaqqis ta' -28 % tal-emissjonijiet fis-setturi mhux tal-ETS (ara Illustrazzjoni 4, bl-esklużjoni tal-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u s-settur tal-forestrija). Dan jirrappreżenta progress sinifikanti meta mqabbel mal-projezzjonijiet irrapportati fir-Rapport ta' Progress dwar l-Azzjoni Klimatika tal-UE għall-2018¹⁴, jiġifieri tnaqqis ta' -21 % bil-miżuri eżistenti, tnaqqis ta' -23 % bil-miżuri pplanati. Madankollu, biex jimlew id-distakk li fadal fl-Unjoni kollha ta' 2 punti perċentwali, l-Istati Membri se jkollhom bżonn jidentifikaw miżuri addizzjonali fl-NECPs finali.



¹² Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013, ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26–42.

¹³ Is-setturi mhux tal-ETS jinkludu, pereżempju, it-trasport, il-bini, l-agrikoltura, l-iskart.

¹⁴ COM/2018/716 final.

Illustrazzjoni 4: Miri għall-Kondiviżjoni tal-Isforzi għall-2030 tal-Istati Membri u l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra b'miżuri eżistenti u pplanati (Sors: Kalkoli tal-Kummissjoni bbażati fuq informazzjoni mill-abbozzi tal-NECPs).

Dawn il-kunsiderazzjonijiet huma bbażati fuq is-suppożizzjoni li l-Istati Membri kollha se jikkonformaw **mar-regola “bla debitu” għall-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u s-settur tal-forestrija jiġifieri li l-emissjonijiet ma jaqbżux l-assorbimenti**. Jekk dan is-settur joħloq emissjonijiet netti, dawn għandhom jiġu kkompensati bl-użu ta' allokkazzjonijiet mis-setturi tal-kondiviżjoni tal-isforzi.

2.1.4. Interkonnessjonijiet tal-elettriku

L-interkonnessjonijiet bejn is-swieq nazzjonali jirrappreżentaw il-hardwer biex jitlesta s-suq intern tal-elettriku tal-Unjoni, tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista, jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, u jiġu ffaċilitati l-akkoppjament u l-integrazzjoni tas-setturi.

Ħames Stati Membri (iċ-Ċekja, il-Ġermanja, il-Greċja, Spanja u l-Portugall) jirreferu b'mod ċar għal-livell ta' interkonnettività tal-elettriku li qed jimmiraw għalih fl-2030 fl-abbozzi tal-NECPs tagħhom. Bosta Stati Membri oħra (il-Belġju, il-Bulgarija, Franza, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, is-Slovakkja, il-Finlandja u l-Iżvezja) jindikaw livell projettat ta' interkonnettività tal-elettriku fl-2030. L-abbozzi tal-NECPs spiss jirriflettu l-proċess stabbilit mir-Regolament dwar in-Netwerk Trans-Ewropew tal-Enerġija (TEN-E) fl-identifikazzjoni u l-appoġġ fil-livell Ewropew tat-twertiq ta' Proġetti ta' infrastruttura ta' Interess Komuni, li huma meħtieġa biex jintlaħqu l-oġettivi ta' interkonnettività tar-Regolament dwar il-Governanza. Ir-raba' lista ta' Proġetti ta' Interess Komuni – li għandha tiġi adottata f'Ottubru 2019 ibbażata fuq proċess oġġettiv u inklużiv fil-livell Ewropew – se timmira li tindirizza l-ostakoli li fadal fis-suq intern tal-enerġija, pereżempju bejn il-peniżola Iberika u l-bqija tal-Ewropa jew fix-Xlokk tal-Ewropa.

Meta jiffinalizzaw l-NECPs tagħhom, l-Istati Membri li bħalissa huma taħt il-15 % tal-interkonnessjoni tal-elettriku għandhom jindikaw il-mira tagħhom għall-interkonnettività tal-elettriku fl-2030. L-Istati Membri li diġà qabżu dan il-limitu għandhom jikkunsidraw il-livell ta' interkonnettività tagħhom previst sal-2030 fil-kuntest li jżommu l-adegwatezza tas-sistema tal-elettriku tagħhom vis-à-vis l-iżvilupp sinifikanti mistenni tal-enerġija rinnovabbli¹⁵. L-NECPs finali għandhom jagħmlu r-rabta bejn l-iżviluppi fl-infrastruttura mistennija u l-passi meħtieġa biex jiżguraw li dawn l-interkonnetturi jkunu disponibbli għas-suq għall-kummerċ transkonfinali tal-elettriku f'konformità mal-leġislazzjoni rilevanti.

2.2. Is-sejbiet ewlenin għal kull waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-abbozzi tal-NECPs

2.2.1 Id-dekarbonizzazzjoni (il-gassijiet b'effett ta' serra u l-enerġija rinnovabbli)

¹⁵ Fiż-żewġ każijiet, il-Pjan ta' Għaxar Snin għall-Iżvilupp tan-Netwerk (TYNDP) li ġej u l-proċessi tal-għażla tal-Proġetti ta' Interess Komuni għandhom jiġu kkunsidrati.

A) *L-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet b'effett ta' serra*

Bosta abbozzi tal-NECPs jibbenefikaw minn provvedimenti ta' aktar dettalji dwar l-istrateġija li għandha tiġi segwita biex jintlaħqu l-miri mhux tal-ETS matul il-perjodu kollu tal-2021-2030, inklużi stimi għat-trajettorja għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ibbażati fuq l-aħħar *data* u l-użu intiż tal-flessibbiltajiet, kif diġà sar pereżempju mill-**Irlanda** u mil-**Latvja**. Permezz tal-possibbiltà li jiġu trasferiti l-allokkazzjonijiet tal-emissjonijiet bejn l-Istati Membri¹⁶, bosta Stati Membri għandhom l-opportunità li jimobilizzaw il-finanzjament minn Stati Membri oħra biex jimmodernizzaw l-ekonomija tagħhom eż. permezz ta' investiment fl-effiċjenza enerġetika tal-bini jew billi jirrealizzaw bis-sħiħ il-potenzjal kosteffikaċi tagħhom ta' enerġija rinnovabbli f'setturi mhux tal-ETS. Din il-kooperazzjoni bilaterali msaħħa fost l-Istati Membri se tippermetti lill-Unjoni tilħaq l-oġġettivi ambizzjużi tagħha għall-2030 b'mod kosteffikaċi.

It-**trasport** huwa responsabbli għal madwar kwart tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra fl-Unjoni u huwa l-akbar settur skont l-emissjonijiet taħt il-miri mhux tal-ETS tal-Istati Membri. **Għalhekk jeħtieġ li jkun fiċ-ċentru tal-NECPs**. Ħafna mill-Istati Membri jistipulaw miżuri għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fis-settur tat-trasport. Xi Stati Membri diġà jikkombinaw oġġettivi kwantifikati ta' tnaqqis tal-emissjonijiet ma' miżuri ppjanati. L-NECPs finali se jagħtu lill-Istati Membri l-opportunità li jiżviluppaw approċċ aktar integrat għas-settur tat-trasport. Fil-pjanijiet finali tagħhom, l-Istati Membri għandhom ikunu aktar konkreti u numru minnhom għad iridu jikkwantifikaw l-impatti mistennija. L-elettromobbiltà hija ta' spiss fost l-għanijiet segwiti, iżda l-miżuri ħafna drabi ma jiġux deskritti b'mod dettaljat ħafna. L-ippjanar u l-investiment fl-infrastruttura korrispondenti tal-karburanti alternattivi se jkunu kruċjali għall-manifatturi tal-karozzi, tal-vannijiet u tat-trakkijiet biex jiksbu l-istandards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-2025 u l-2030 u biex inaqqsu l-kontinjenzi tal-fjuwil tas-sewwieqa u tal-operaturi tat-trasport. Jeħtieġ li tiġi garantita koordinazzjoni effettiva dwar it-tnedija ta' sistemi ta' trasport intelliġenti. L-NECPs għandhom ikunu wkoll opportunità għal xi Stati Membri biex jispeċifikaw il-passi biex jirristrutturaw it-tassazzjoni sabiex jikkontribwixxu għall-oġġettivi tal-politika tagħna fis-settur tat-trasport.

Eżempji ta' prattika tajba – politiki u miżuri fis-settur tat-trasport

L-abbozzi tal-NECPs **Awstrijaċi** u **Spanjoli** jipprovdu eżempji tajbin ta' kif jiġu kkombinati l-oġġettivi kwantifikati ta' tnaqqis tal-emissjonijiet għas-settur tat-trasport mal-politiki u l-miżuri li fuqhom għandu jkun ibbażat l-ilħuq tagħhom. Pereżempju, l-**Italja** tipprovdi dettall konsiderevoli dwar il-miżuri ppjanati u tmur lil hinn mill-mira obbligatorja tar-rinnovabbli għat-trasport. Filwaqt li numru ta' Stati Membri stabbilixxew miri indikattivi ta' elettromobbiltà, is-**Slovenja** ssostni dan b'miżuri konkreti li jinkludu l-kwantifikazzjoni tal-infrastruttura tal-iċċarġjar meħtieġa.

¹⁶ L-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013, ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26–42.

Il-**bini Ewropew** huwa responsabbli għal 40 % tal-konsum tal-enerġija u madwar 15 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. L-abbozzi tal-NECPs ikopru dan is-settur prinċipalment fil-kuntest tar-rwol tiegħu fil-kisba tal-effiċjenza enerġetika u l-kontributi tal-enerġija rinnovabbli. Il-potenzjal ta' miżuri ta' effiċjenza li jiksbu tnaqqis fl-emissjonijiet kosteffiċjenti, filwaqt li jitnaqqsu l-kontijiet tal-enerġija għad-djar u jiżdiedu l-impjegi fis-settur tal-kostruzzjoni jista' jiġi sfruttat aktar malajr f'xi Stati Membri.

Skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni adottata f'Mejju 2018¹⁷, l-Istati Membri tal-UE għandhom jiżguraw li l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra **mill-użu tal-art, mit-tibdil fl-użu tal-art jew mill-forestrija** (LULUCF) jiġu kkompensati mill-inqas bl-assorbiment ekwivalenti tas-CO₂ mill-atmosfera fil-perjodu 2021 sal-2030. B'potenzjal ta' assorbiment addizzjonali f'termini meqjusa li jikkorrispondu għal 2 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, il-LULUCF se jkollu jagħti kontribut dejjem jiżdied biex jintlaħqu l-miri tal-klima tal-Unjoni fid-deċennji li ġejjin, eż. permezz ta' sekwestru mtejjeb tas-CO₂ mill-atmosfera filwaqt li tiżdied il-produzzjoni u l-użu effiċjenti tal-bijomassa għal firxa wiesgħa ta' użi filwaqt li jitqiesu kif xieraq il-biodiversità u t-tħassib dwar il-kwalità tal-arja. Id-**Danimarka** u **Franza** huma eżempji ta' Stati Membri li jipprovdu strateġija jew informazzjoni speċifika dwar il-politiki u l-miżuri, eż. biex jappoġġjaw l-afforestazzjoni privata fuq art agrikola, li tista', b'mod sostenibbli, ittejjeb il-bjar ta' karbonju filwaqt li tippromwovi l-bioekonomija u li tista' tipprovi inċentivi addizzjonali għall-bdiewa u l-forestiera biex itejbu l-immaniġġjar tal-art u ż-żieda sostenibbli fil-produttività. Mill-bqija, l-informazzjoni relatata hija limitata fl-abbozzi tal-NECPs. Barra minn hekk, ikun possibbli biss li jiġi vvalutat bis-sħiħ jekk l-emissjonijiet jaqbżux l-assorbimenti jekk l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni aktar dettaljata dwar il-kontabbiltà tal-LULUCF u l-użu tal-flessibbiltajiet. Din l-informazzjoni hija pprovduta sa ċertu punt miċ-**Ċekja**, id-**Danimarka** u l-**Irlanda**.

Element ewlieni f'dan ir-rigward huwa l-istabbiliment ta' Livelli ta' Referenza tal-Foresti trasparenti u preċiżi biex jitqiesu sew l-emissjonijiet jew l-assorbimenti tas-CO₂ mill-immaniġġjar tal-foresti. Il-Pjanijiet Nazzjonali tal-Kontabbiltà tal-Forestrija huma l-għodda biex jagħmlu dan, u l-Istati Membri għandhom jirreveduhom sal-31 ta' Diċembru 2019 abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tekniċi ppreżentati b'din il-Komunikazzjoni¹⁸. Dan jippermettilhom li jintużaw bis-sħiħ u b'mod konsistenti fl-NECPs finali, b'mod partikolari bil-ħsieb tal-ippjanar tal-flessibbiltà lejn setturi tal-kondiviżjoni tal-isforzi.

¹⁷ Ir-Regolament (UE) 2018/841 - L-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE.

¹⁸ B'mod parallel mal-abbozzi tal-NECPs, l-Istati Membri sottomettew Pjanijiet Nazzjonali tal-Kontabbiltà tal-Forestrija (NFAPs), inkluż il-Livell ta' Referenza tal-Foresti nazzjonali tagħhom. F'April 2019, grupp ta' esperti magħmul minn speċjalisti tekniċi minn Stati Membri, NGOs u organizzazzjonijiet ta' riċerka, fost l-oħrajn, għamel l-ewwel valutazzjoni tal-NFAPs. Ir-rakkomandazzjonijiet tekniċi li jirriżultaw (SWD(2019) 213) jirriflettu l-kwalità ġeneralment għolja tal-pjanijiet sottomessi waqt li jindikaw xi approċċi speċifiċi għall-pajjiż li jkunu jeħtieġu aktar analiżi bir-reqqa.

Ir-rilevanza ta' **setturi oħra bħall-agrikoltura, l-iskart u l-industrija**, għall-emissjonijiet minn setturi mhux koperti mill-EU ETS, tvarja bejn l-Istati Membri. Dan għandu jkun rifless fl-ippjanar ta' politiki u miżuri, bħalma tagħmel l-**Irlanda**, pereżempju, għall-agrikoltura. Għas-settur tal-agrikoltura, il-proposta tal-Kummissjoni għall-Politika Agrikola Komuni (PAK) wara l-2020 ittejjeb il-livell ta' ambizzjoni klimatika u ambjentali, b'mill-inqas 40 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-PAK mistenni li jkun rilevanti għall-klima. Barra minn hekk, il-Kummissjoni pproponiet "skemi ekoloġiċi" li se jipprovdu lill-Istati Membri bl-opportunità li jappoġġjaw fuq skala wiesgħa l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni u adattament imfassla aħjar għall-ħtiġijiet lokali speċifiċi. Il-proposta tal-Kummissjoni tistabbilixxi wkoll li l-Istati Membri, fit-tfassil tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom, għandhom iqisu l-għodod nazzjonali għall-ippjanar ambjentali u klimatiku fl-istrumenti leġiżlattivi rilevanti tal-UE, inklużi l-NECPs. F'dan is-sens, ikun kruċjali għall-NECPs finali li jipprovdu indikazzjonijiet konkreti tal-miżuri pplanati għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fis-setturi tal-agrikoltura u l-forestrija li l-PAK tista' tappoġġja, eż. permezz ta' appoġġ għall-ittestjar ta' skemi ta' karbonju agrikolu.

Għas-settur tal-**enerġija**, li huwa responsabbli għal madwar 25 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, il-politiki tad-dekarbonizzazzjoni tal-Istati Membri jiffukaw fuq l-użu akbar ta' elettriku rinnovabbli u fuq it-tneħħija gradwali tal-faħam mill-ġenerazzjoni tal-elettriku.

Lejn tneħħija gradwali tal-faħam fl-Ewropa?

Bosta Stati Membri jintroduċu jew jikkonfermaw objettivi u skedi ta' żmien ambizzjużi biex il-faħam jitneħħa gradwalment għall-ġenerazzjoni tal-elettriku. **Franza** għandha l-ħsieb li tagħmel dan sal-2022. L-**Italja** u l-**Irlanda** sal-2025. Id-**Danimarka**, **Spanja**, in-**Netherlands**, il-**Portugall** u l-**Finlandja**, sal-2030. Il-**Ġermanja** indikat ukoll li se tistabbilixxi data ta' tmiem għall-elettriku bbażat fuq il-faħam. L-Istati Membri li gradwalment qed ineħħu l-faħam huma mistiedna jipprovdu aktar indikazzjonijiet dwar kif biħsiebhom isegwu dawn l-għanijiet u jekk humiex qed jippjanaw li jużaw l-għażla li jikkanċellaw il-kwoti tal-EU ETS. Għandhom jiġu indirizzati wkoll miżuri biex jgħinu lill-ħaddiema u lill-familji affettwati mit-tneħħija gradwali tal-faħam.

Id-dekarbonizzazzjoni tal-**industrija**, li hija responsabbli għal madwar 15 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra, hija ħafna inqas indirizzata fl-abbozzi tal-NECPs meta mqabbla mas-settur tal-enerġija. F'dawn is-setturi industrijali, l-iżvilupp u l-innovazzjoni tat-teknoloġija se jkollhom jaċċelleraw matul id-deċennju li ġej biex inaqqsu l-marka tal-karbonju tal-industrija. Il-gvernijiet se jkollhom jaqdu rwol f'dan il-proċess, eż. billi japplikaw ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat kif xieraq. L-Istati Membri ta' qabel jiċċaraw l-intenzjonijiet tagħhom, l-industrija ta' qabel tkun tista' tuża l-aqwa tekniki disponibbli, għażliet ta' elettrifikazzjoni u opportunitajiet teknoloġiċi ġodda li jistgħu jgħinu fit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra.

Ħafna Stati Membri b'għanijiet ta' **adattament għall-klima** inkludewhom fl-abbozz tal-pjanijiet, u xi wħud indikaw għanijiet ġodda. Bosta Stati Membri jkopru l-għanijiet u l-miżuri ta' adattament f'ċertu dettall. L-abbozzi tal-NECPs **Irlandiżi**, **Litwani**, **Pollakki**,

Slovakki u **Sloveni** huma eżempji ta' prattika tajba dwar kif jiġu koperti l-għanijiet u l-miżuri ta' adattament. Ftit Stati Membri biss jipprovdu dettalji dwar l-adattament għall-effetti ħżiena tat-tibdil fil-klima relatati mas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni.

B) L-enerġija rinnovabbli

L-Unjoni laħqet is-sehem tal-enerġija rinnovabbli ta' 17,5 % fl-2017, iżda l-pass taż-żieda naqas mill-2014. Huwa kruċjali li l-isforzi jiġu rduppjati biex tintlaħaq il-mira tal-2030. L-NECPs iridu jissostanzjaw bis-sħiħ il-kontributi tal-Istati Membri għall-mira kollettiva tal-2030 u jsostnuhom b'politiki u miżuri robusti.

It-tisħin u t-tkessiġħ bħalissa jammontaw għal 50 % tal-konsum annwali tal-enerġija tal-Unjoni. Is-sehem tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'dan laħaq 19,5 % fl-2017, u żdied b'6 punti perċentwali biss fl-aħħar għaxar snin. L-NECPs għandhom jirriflettu ż-żieda annwali tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiġħ previst fid-Direttiva (UE) 2018/2001 u r-rwol tas-sħana u l-kesħa mitlufa biex is-settur jikkontribwixxi b'mod kosteffikaċi għas-sehem ġenerali tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

L-istess japplika għas-settur tat-trasport, fejn l-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-fornituri tal-fjuwil jipprovdu mill-inqas 14 % tal-enerġija kkunsmata fit-trasport bit-triq u bil-ferrovija sal-2030 bħala enerġija rinnovabbli. Dan jipprovdi lill-industrija b'ċertezza dwar id-domanda futura tas-suq.

L-identifikazzjoni tal-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli - eżempji ta' metodoloġija tajba:

Meta wieħed iħares lejn it-taqsimha tal-obiettivi nazzjonali, l-abbozzi tal-NECPs **Ċeki**, **Irlandiżi** u **Taljani** jipprovdu eżempji tajbin tal-kompletezza tal-obiettivi u t-trajettorji li għandhom jiġu inklużi fil-pjanijiet finali. Iċ-**Ċekja** u l-**Irlanda** jinkludu l-kontributi ta' kull settur u t-teknoloġiji rispettivi fuq bażi annwali u f'valuri assoluti. L-**Irlanda** hija waħda mill-ftit Stati Membri li tinkludi wkoll trajettorji għad-domanda għall-bijoenerġija u l-provvista tal-bijomassa mill-materja prima u tipprovdi sħana rinnovabbli permezz ta' kontributi ta' teknoloġija rinnovabbli maqsuma għall-industrija, residenzjali u s-settur terziarju. Iċ-**Ċekja** tipprovdi analiżi tas-sensittività ta' kif il-kontribut rinnovabbli ġenerali jista' jvarja minħabba t-tkabbir ekonomiku u d-domanda għall-enerġija. L-**Italja** tinkludi analiżi dettaljata tal-mira tat-trasport billi tqis il-multiplikaturi applikabbli għal kull teknoloġija.

Il-pjanijiet finali għandhom jipprovdu **informazzjoni robusta dwar politiki u miżuri li jappoġġjaw l-ilħuq f'waqtu tal-obiettivi u l-kontributi proposti għall-enerġija rinnovabbli**. Il-politiki u l-miżuri għandhom juru li l-obiettivi u l-kontributi proposti jistgħu jinkisbu, partikolarment fid-dawl tal-ewwel punt ta' referenza stabbilit għall-2022. L-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni dettaljata dwar l-iskemi ta' appoġġ tagħhom inklużi skedi dettaljati tal-irkant għall-enerġija rinnovabbli u l-evoluzzjoni tagħhom matul il-perjodu 2021-2030. L-iskemi ta' appoġġ għandhom jappoġġjaw il-kunfidenza tal-investitur u jnaqqsu l-ispejjeż tal-iżvilupp ta' sorsi ta'

enerġija rinnovabbli fuq żmien twil. Biex jipprovdu gwida lill-atturi tas-suq u jattiraw investimenti ġodda fil-ġenerazzjoni ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, l-Istati Membri għandhom jispjegaw f'aktar dettall fil-politiki u l-miżuri ewlenin, elementi bħal (i) ir-riżultati mistennija, (ii) l-iskeda ta' żmien indikattiva, (iii) is-sors u l-ammont tal-baġit meħtieġ.

L-informazzjoni dwar miżuri biex jipromwovu l-awtokonsum u komunitajiet ta' enerġija rinnovabbli, kif ukoll dispożizzjonijiet li jiffaċilitaw l-adozzjoni ta' ftehimiet dwar ix-xiri tal-enerġija u rkantijiet ippjanati huma kruċjali biex jagħtu spinta lill-aċċettazzjoni miċ-ċittadini tat-tranżizzjoni tal-enerġija, jattiraw l-investment privat u jiffaċilitaw l-ilħuq kosteffikaċi tal-miri. Barra minn hekk, is-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi, bħal pereżempju l-iffaċilitar tal-introduzzjoni ta' punti ta' kuntatt jew li jkun hemm proċeduri rapidi fis-seħħ għar-repowering, se tkun kruċjali għall-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli fl-għaxar snin li ġejjin.

Sal-2021, mekkaniżmu ġdid ta' Finanzjament tal-Enerġija Rinnovabbli¹⁹ se jiġi stabbilit biex jappoġġja l-użu tal-enerġija rinnovabbli fl-Unjoni kollha.

2.2.2. L-Effiċjenza Enerġetika

Il-pjanijiet finali jeħtieġ li jkunu aktar robusti u jindikaw trajettorji tal-konsum tal-enerġija aktar ċari. Definizzjoni aħjar tal-qafas ta' politika nazzjonali ġenerali li fuqa huma bbażati l-kontributi nazzjonali hija kruċjali biex tiġi żgurata l-kredibbiltà tal-livell propost ta' ambizzjoni, l-identifikazzjoni tad-diskrepanzi u l-aħjar Prattika. Spjegazzjoni aktar dettaljata tal-iskala, il-qafas ta' żmien u l-iffrankar tal-enerġija mistenni tal-politiki u l-miżuri pplanati hija meħtieġa.

Dan japplika b'mod partikolari għall-implimentazzjoni tal-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija u l-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul. L-Istati Membri kollha għandhom jinkludu fl-NECP finali tagħhom l-informazzjoni meħtieġa mill-Anness III tar-Regolament dwar il-Governanza (skemi ta' obbligi tal-effiċjenza enerġetika u miżuri ta' politika alternattivi taħt l-Artikolu 7 tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika) peress li dan jgħin biex jikkonsolida l-qafas ta' politika u jintegra l-komponenti kollha tiegħu. L-inklużjoni tal-istrateġija ta' rinnovazzjoni tal-bini fit-tul se tipprovdi stampa komprensiva tal-azzjonijiet ippjanati biex l-istokk nazzjonali tal-bini jiġi rinnovat fid-dawl tat-trasformazzjoni kosteffikaċi tal-bini eżistenti f'binjiet b'żero enerġija.

Barra minn hekk, l-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' investment u tas-sorsi ta' finanzjament hija meħtieġa għall-mobilizzazzjoni ta' investimenti privati fl-iffrankar tal-enerġija u t-tkabbir tas-suq tas-servizzi tal-effiċjenza enerġetika. Il-pjanijiet finali għandhom jellaboraw aktar dwar ir-rwol tal-bini tal-korpi pubbliċi u jesploraw il-modi kif il-politiki tal-effiċjenza enerġetika jistgħu jindirizzaw il-faqar enerġetiku.

2.2.3 Is-sigurtà tal-enerġija

¹⁹ Skont l-Artikolu 33 tar-Regolament dwar il-Governanza, il-mekkaniżmu se jkollu l-għan doppju li jkopri kwalunkwe diskrepanza potenzjali fit-trajettorja indikattiva tal-Unjoni għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli u jikkontribwixxi għall-qafas abilitanti skont id-Direttiva riformulata dwar l-Enerġija Rinnovabbli.

Is-sigurtà tal-enerġija hija dimensjoni importanti tal-Unjoni tal-Enerġija u għalhekk tal-NECPs. L-Unjoni xorta timporta aktar minn nofs l-enerġija primarja kollha li tikkonsma, b'riperkussjonijiet importanti f'termini ta' kontinuità tal-importazzjoni u vulnerabbiltà għall-interruzzjonijiet fil-provvista u fil-prezzijiet.

Id-diversifikazzjoni tal-provvista, is-sorsi tal-importazzjoni u r-rotot huma aspetti ewlenin tas-sigurtà tal-enerġija. L-NECPs għandhom jinkoraġġixxu investimenti effiċjenti f'infrastruttura li tappoġġja l-għanijiet tas-sigurtà tal-enerġija nazzjonali, filwaqt li jqisu s-sinerġiji fid-dimensjonijiet differenti tal-pjanijiet. L-NECPs għandhom jappoġġjaw it-tlestija tal-proġetti tal-infrastruttura tal-gass meħtieġa biex jagħtu lir-reġjuni kollha l-aċċess għat-terminals tal-LNG, b'mod partikolari fil-**Kroazja** u l-**Greċja**, u biex jagħtu lill-Istati Membri kollha aċċess għal bosta rotot ta' provvista, partikolarment il-**Finlandja**, l-**Irlanda**, ir-**Rumanija** u l-**Bulgarija**. L-NECPs għandhom jippromwovu wkoll l-iżvilupp ta' sorsi domestiċi, essenzjalment, sorsi ta' enerġija rinnovabbli, kif ukoll komponenti ewlenin u materja prima meħtieġa għad-dekarbonizzazzjoni ta' industriji li jużaw ħafna enerġija. Aktar objettivi u miri konkreti bi skedi ta' żmien konkreti jinfurmaw aħjar id-diskussjoni politika dwar l-NECPs finali.

Il-ġenerazzjoni dejjem tikber ta' sorsi varjabbli ta' enerġija rinnovabbli se toħloq sfidi dejjem jżiedu għas-sistema tal-enerġija. Filwaqt li primarjament għandu jkun is-suq li jiżgura bilanċ kontinwu bejn il-provvista u d-domanda (inkluż permezz ta' akkoppjament akbar tas-setturi), ir-riskji residwi għandhom jiġu indirizzati b'mod ikkoordinat bejn l-Istati Membri. L-NECPs għandhom jirriflettu dan. L-indirizzar sew tal-isfida tas-sigurtà tal-enerġija jfisser li l-adeqwatezza għandha tiġi evalwata, billi jitqiesu kif xieraq mhux biss id-domanda u l-ġenerazzjoni fit-territorju tal-Istati Membri, iżda wkoll fit-territorju ta' Stati Membri konnessi, kif ukoll l-objettivi klimatiċi fit-tul.

Ir-rwol tal-istrumenti tal-flessibbiltà, bħar-rispons għad-domanda u l-ħżin, huwa kruċjali biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-enerġija. L-Istati Membri b'mekkaniżmi ta' kapaċità eżistenti jew ippjanati għall-ġenerazzjoni tal-elettriku se jkollhom iqisu r-regoli l-ġodda taħt ir-Regolament il-ġdid dwar l-Elettriku u jirriflettu, fl-NECPs finali kif qed jippjanaw li jagħmlu dan.

Għal dawk l-Istati Membri li għandhom l-enerġija nukleari bħala parti mit-taħlita tal-enerġija tagħhom, l-NECPs jistgħu jintroduċu politiki biex iżommu kapaċitajiet adegwati fil-partijiet kollha tal-katina tal-provvista nukleari u biex jiżguraw is-sigurtà tal-provvista tal-karburanti.

Sabiex **tiġi żgurata r-reżiljenza tas-sistema tal-enerġija**, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsiru konnessjonijiet adegwati bejn l-NECPs finali u l-pjanijiet ta' emerġenza għaż-żejt, il-gass u l-elettriku. Il-livelli għoljin ta' diġitalizzazzjoni jżidu l-esponiment għall-attakki ċibernetiċi, li jistgħu jipperikolaw is-sigurtà tal-provvista u/jew il-privatezza tad-*data* tal-konsumaturi. Is-sigurtà ċibernetika tirrappreżenta element ġdid emerġenti tas-sigurtà tal-enerġija li kemm il-pjanijiet finali kif ukoll il-pjanijiet meħtieġa skont ir-Regolament dwar is-sigurtà tal-provvista tal-gass u r-Regolament dwar it-tħejjija għar-riskju tal-elettriku għandhom jindirizzaw. L-Istati Membri huma mħeġġa jidentifikaw tipi oħra ta' riskji, bħal dawk assoċjati mal-provvista tal-materja prima, l-impatti tat-tibdil fil-

klima jew theddid aċċidentali, magħmul mill-bniedem, naturali jew terroristiku għall-infrastruttura kritika tal-enerġija fil-verzjoni finali tal-NECPs tagħhom.

2.2.4 *Is-Suq Intern tal-Enerġija*

Huwa meħtieġ suq intern tal-enerġija integrat bis-sħiħ u li jaħdem sew biex jiġu żgurati prezzijiet tal-enerġija affordabbli, provvisti tal-enerġija siguri u biex tkun permessa integrazzjoni kosteffiċjenti ta' sorsi rinnovabbli dejjem jiżdiedu. L-NECPs għandhom jiċċaraw li l-qafas regolatorju t-tajjeb huwa fis-seħħ biex jitgawdew il-benefiċċji ta' swieq tal-enerġija aktar integrati.

Bit-tranżizzjoni fis-sistemi tal-enerġija tal-Unjoni, qegħdin jitfaċċaw sfidi komuni dwar il-flessibilità, id-deċentralizzazzjoni, ir-regolamentazzjoni tal-inċentivi għall-investment fl-infrastruttura, u l-kompetizzjoni. L-NECPs għandhom jipprovdu informazzjoni aktar dettaljata dwar l-istat attwali tas-swieq nazzjonali tal-elettriku u tal-gass u kif se jiġu indirizzati l-isfidi. L-oġġettivi nazzjonali konkreti u li jistgħu jitkejlu għall-iżvilupp futur tas-suq, appoġġjati minn politiki u miżuri xierqa, għandhom jiġu inklużi.

L-oġġettivi tas-suq intern tal-enerġija – Prattika tajba: Il-ħolqien ta' suq reġjonali konġunt tal-gass bejn l-Istati Baltiċi u l-Finlandja huwa eżempju ta' integrazzjoni tas-suq deskritt fl-abbozzi tal-pjanijiet rispettivi, fejn il-komponent tal-ħardwer – il-konstruzzjoni tal-pipeline Balticconnector – huwa ssupplimentat b'regoli tas-suq armonizzati. Il-pajjiżi li implimentaw il-leġiżlazzjoni tas-suq tal-gass tal-UE bl-aktar mod sħiħ għandhom ukoll l-aktar swieq likwidi u jibbenefikaw l-aktar mis-suq intern tal-enerġija. L-NECPs għandhom jipprovdu rendikont utli dwar il-progress lejn l-implimentazzjoni tar-regoli applikabbli tas-suq tal-gass.

L-oġġettivi, il-programmi u l-iskedi ta' żmien għar-**riformi tas-suq tal-enerġija** li l-Istati Membri stabbilixxew fl-NECPs għandhom ikunu konformi mal-leġiżlazzjoni adottata taħt il-Pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha u mal-kodiċi u linji gwida eżistenti tan-netwerk. Minħabba l-importanza tagħha għas-sigurtà Ewropea tal-provvista, l-adeqwatezza tal-ġenerazzjoni u l-funzjonament tas-suq, hemm il-ħtieġa li jkun hemm aċċess affidabbli għal kapacià ta' interkonnessjoni adegwata għall-kummerċ tal-elettriku u l-gass bejn il-fruntieri. L-NECPs u l-“Pjanijiet ta' Implimentazzjoni” meħtieġa mir-Regolament dwar l-Elettriku²⁰ għandhom ikunu kompletament koerenti. L-NECPs jeħtieġ li jqisu wkoll ir-rapporti ta' monitoraġġ tar-regolaturi nazzjonali u tal-Aġenzija għall-Koperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER).

L-NECPs għandhom jappoġġjaw ir-riformi tas-swieq tal-bejgħ bl-ingrossa. L-NECPs huma opportunità għall-Istati Membri biex jinkludu kunċetti li jħarsu aktar 'il quddiem tal-integrazzjoni tas-sistemi tal-enerġija u tal-akkoppjament tas-setturi, inkluża l-integrazzjoni ulterjuri tas-setturi tal-enerġija, tal-gass u tat-tisħin, hekk kif isiru ċentrali għal sistema tal-enerġija dekarbonizzata.

²⁰ Kif meħtieġ mir-Regolament dwar l-Elettriku għal dawk l-Istati Membri li jipprevedu mekkaniżmi ta' kapacià tal-bidu jew tat-tkomplija u li għalhekk jeħtieġ li jaġġornaw is-swieq tagħhom.

Sussidji tal-enerġija. Huwa ta' importanza kbira li r-riżorsi pubbliċi jintefqu b'mod koerenti u kosteffikaċi filwaqt li ma jfixklux is-suq tal-enerġija u ma jimpedixxux l-investiment fit-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u l-innovazzjoni. Huwa essenzjali li jkun hemm rendikont tajjeb tas-sussidji tal-enerġija espliċiti u impliċiti u tal-pjanijiet futuri biex jitneħħew gradwalment dawk li ma jikkontribwixxux għal objettivi fit-tul. Filwaqt li ħafna mill-abbozzi tal-NECPs indirizzaw parzjalment il-kwistjoni tas-sussidji tal-enerġija, il-pjanijiet finali għandhom jiddeskrivu u jikkwantifikaw b'mod sistematiku t-tipi kollha ta' tali sussidji, minn għotjiet, skemi ta' appoġġ, benefiċċji fiskali għal sussidji li jirriżultaw minn obbligi regolatorji, ibbażati fuq definizzjonijiet eżistenti użati internazzjonalment. L-abbozz tal-NECP ippreżentat mill-**Italja** huwa eżempju tajjeb f'dan ir-rigward. Huwa importanti li l-Istati Membri kollha jindikaw fl-NECPs finali l-isforzi futuri tagħhom u l-iskedi ta' żmien biex jitneħħew gradwalment is-sussidji fuq il-karburanti fossili filwaqt li jqisu l-impatt li dawn jista' jkollhom fuq gruppi vulnerabbli ta' konsumaturi.

L-NECPs għandhom jappoġġjaw l-introduzzjoni ta' politiki li jħarsu 'l quddiem immirati lejn l-iżvilupp ta' swieq tal-bejgħ bl-innut kompetittivi fl-Ewropa, li jippermettu lill-konsumaturi jieħdu vantaġġ mill-infrastrutturi intelliġenti. Dwar il-flessibilità tas-sistema u l-parteċipazzjoni tal-konsumatur, numru konsiderevoli ta' abbozzi tal-NECPs jirreferu għall-użu ta' arloġġi intelliġenti b'mira konkreta u li tista' titkejjel. Sal-aħħar tal-2017, madwar 37 % tad-djar tal-UE kienu mġammra b'arloġġ intelliġenti tal-elettriku, filwaqt li 7 Stati Membri temmew l-introduzzjoni nazzjonali tagħhom. L-NECPs għandhom jirriflettu l-aġġornamenti għall-qafas eżistenti kif introdotti mill-pakkett dwar l-Enerġija Nadifa għall-Ewropej kollha biex jiżguraw li l-konsumaturi finali jkollhom aċċess għal arloġġ intelliġenti. L-NECPs għandhom jirrapportaw miżuri ppjanati li jippermettu liċ-ċittadini u lin-negozji (b'mod partikolari l-SMEs) ikollhom kontroll akbar fuq il-konsum u l-ispejjeż tal-elettriku tagħhom, bħal kuntratti ta' prezz dinamiku.

It-tiŝiħ tal-pożizzjoni tal-konsumatur, is-sensibilizzazzjoni u l-protezzjoni wkoll jeħtieġ li jiġu żgurati u promossi fl-NECPs, li jistgħu jintroduċu wkoll approċċ aktar strutturat biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tal-faqar enerġetiku (ara wkoll it-taqsima 2.3.5).

2.2.5 Riċerka, innovazzjoni u kompetittività

Ir-riċerka u l-innovazzjoni huma kruċjali għall-Unjoni biex tikseb l-objettivi ambizzjużi tal-enerġija u l-klima u biex tiżgura s-sigurtà, l-affidabbiltà u r-reżiljenza tal-provvista tal-enerġija. Fl-istess ħin, l-UE għandha bżonn tiżgura **ambjent kompetittiv għall-industrija tagħha.** Iż-żewġ proċessi għandhom jimxu id f'id. Bħala parti mill-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija, il-Pjan Strateġiku Ewropew għat-Teknoloġija tal-Enerġija (Pjan SET) u l-Komunikazzjoni dwar l-Aċċellerazzjoni tal-Innovazzjoni fil-qasam tal-Enerġija Nadifa²¹ identifika ir-riċerka strateġika u l-prijoritajiet u l-azzjonijiet ta' innovazzjoni meħtieġa fil-livell tal-UE biex iħaffu din it-trasformazzjoni

²¹ COM(2016) 763 final.

tas-sistema tal-enerġija b'mod kosteffikaċi. L-NECPs huma maħsuba biex jistabbilixxu speċifikament liema minn dawn l-oġġettivi qed jiġu segwiti nazzjonalment, u b'hekk effettivament jittraduċu l-Pjan SET f'oġġettivi u miżuri nazzjonali.

L-Istati Membri għandhom bżonn jagħmlu sforzi addizzjonali biex jintegraw ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività fl-NECPs tagħhom. L-NECPs għandhom jistabbilixxu politiki li jiffukaw speċifikament fuq il-prijoritajiet tal-enerġija u tal-klima, inklużi programmi ta' riċerka u innovazzjoni u miri ta' finanzjament relatati u l-użu tal-fondi tal-Unjoni u ta' strumenti ta' finanzjament. L-NECPs għandhom jikkunsidraw kif l-investimenti pubbliċi nazzjonali ppjanati jistgħu jappoġġjaw l-adozzjoni mis-suq tat-teknoloġiji disponibbli u l-użu fuq skala kbira ta' teknoloġiji ġodda innovattivi u l-integrazzjoni tagħhom fis-sistema tal-enerġija. Hemm ukoll il-ħtieġa għal infrastruttura xierqa li tista' tappoġġja t-tranżizzjoni lejn in-newtralità tal-klima għal setturi intensivi fl-enerġija, tal-karozzi u tal-bini. Għandu jiġi żvilupp ukoll il-kontribut tal-ekosistemi innovattivi/industrijali nazzjonali għall-bini ta' katini ta' valur strateġiċi, sostenibbli, Ewropej (eż. batteriji, idroġenu, prodotti bijoloġiċi emerġenti, sewqan nadif, konness u awtonomu, pompi tas-sħana, sistemi integrati ta' ġestjoni tal-enerġija).

Filwaqt li tibni fuq is-suċċess tal-Orizzont 2020, l-Orizzont Ewropa (2021-2027) se tissimplifika u tirrazzjonalizza l-finanzjament tal-Unjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni biex iżżid ir-rilevanza u l-impatt tagħha għal aktar sorsi ta' enerġija rinnovabbli, effiċjenza enerġetika u dekarbonizzazzjoni. Il-Fond ta' Innovazzjoni²² se jappoġġja l-investimenti fl-Istati Membri kollha li jqiegħdu fis-suq teknoloġiji innovattivi nodfa.

Sforzi ta' riċerka u innovazzjoni għat-tranżizzjoni għal ekonomija newtrali għall-klima sal-2050

Il-viżjoni strateġika fit-tul tal-Kummissjoni għal ekonomija newtrali għall-klima - il-Komunikazzjoni "Pjaneta Nadifa għall-Kulħadd"²³ - enfasizzat il-ħtieġa għal sforzi ikkoordinati kbir ta' riċerka u innovazzjoni. Ir-riċerka Ewropea għandha tiffoka fuq soluzzjonijiet trasformattivi newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju f'oqsma bħall-enerġija u t-trasport, ċelluli tal-idroġenu u tal-fjuwil, il-ħżin tal-enerġija, it-trasformazzjoni newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju ta' industriji li jużaw ħafna enerġija, l-ekonomija ċirkolari, il-bijoekonomija, bliet intelliġenti u intensifikazzjoni sostenibbli tal-agrikoltura, l-akkwakultura u l-forestrija.

2.3. Ir-robustezza, il-konsistenza tal-abbozzi tal-NECPs u l-konsiderazzjoni tal-interazzjonijiet tal-politika

2.3.1 Il-qafas analitiku huwa adegwat?

Is-solidità, il-kredibbiltà u r-robustezza tal-NECPs finali se jiddeterminaw sa fejn huma jkun jistgħu jappoġġjaw it-twettiq tal-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija. Il-

²² Il-Fond ta' Innovazzjoni huwa programm ta' investiment tal-Unjoni Ewropea ta' madwar EUR 10 biljun iffinanzjat permezz tal-bejgħ ta' kwoti mill-EU ETS.

²³ Pjaneta Nadifa għall-kulħadd - Viżjoni strateġika Ewropea fit-tul għal ekonomija għanja, moderna, kompetittiva u newtrali għall-klima, COM/2018/773 final.

kwalità u l-kredibbiltà tal-qafas analitiku jiddependu ħafna fuq l-approċċ tal-immudellar, is-sorsi tad-*data* użati, it-trasparenza tal-analiżi kif ukoll fuq il-valutazzjoni komprensiva tal-politiki u l-miżuri proposti. Dawk l-aspetti kollha huma kruċjali biex juru sa liema punt l-Istati Membri qiesu bir-reqqa l-fatturi ewlenin kollha fit-tfassil tal-oġġettivi u l-politiki tagħhom. Il-projezzjonijiet dettaljati li jirriżultaw minn immudellar solidu, u l-analiżi tal-impatt tal-politiki u l-miżuri pjanati huma t-tnejn aspetti kruċjali.

Il-komparabbiltà tal-NECPs teħtieġ kemm jista' jkun **approċċ komuni tal-metriċi** użati u allinjament taċ-ċifri tas-sena bażi mal-punti tad-*data* rrapportati. Filwaqt li l-maġġoranza tal-abbozzi tal-NECPs jiddokumentaw is-suppożizzjonijiet u s-sorsi ta' *data* ewlenin, **il-kompletezza tal-informazzjoni** xorta tista' titjeb. Il-Kummissjoni offriet għajnuna u mudelli komuni biex tiżgura l-konsistenza u l-kompletezza. L-Istati Membri għandhom jużaw l-istatistiċi uffiċjali tal-Eurostat sal-massimu possibbli. Dan l-eżerċizzju tal-ippjanar joffri l-possibbiltà li tkompli tissaħħaħ il-koordinazzjoni fost il-korpi responsabbli mill-istatistika dwar l-enerġija u l-klima.

2.3.2 Kif ġew ikkunsidrati l-interazzjonijiet bejn id-dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija?


Biex tkun tista' ssir it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, l-Istati Membri għandhom jivvalutaw u jindirizzaw b'mod adegwat l-interazzjonijiet bejn id-dimensjonijiet differenti. **L-NECPs għandhom jippermettu valutazzjoni strutturata tal-impatti tal-politiki nazzjonali u l-interazzjoni bejn il-miżuri Ewropej u nazzjonali fuq l-enerġija u l-klima.** Tista' tiġi pprovduta valutazzjoni aktar sistematika tal-interazzjonijiet bejn il-politiki fil-valutazzjonijiet tal-impatt, eż. bejn l-effiċjenza enerġetika u l-politiki tal-infrastruttura tal-enerġija jew l-impatti tal-politika fir-rigward tal-użu sostenibbli tal-bijoenerġija għal skopijiet differenti. L-implikazzjonijiet politiċi tal-interazzjonijiet u s-sinerġiji evalwati bejn politiki u oġġettivi differenti tal-enerġija u l-klima għandhom madankollu jiġu esplorati aktar, partikolarment bejn l-għanijiet tas-sigurtà tal-provvista u tas-suq intern tal-enerġija u l-politiki dwar is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika.

Pereżempju, it-teknoloġiji diġitali qegħdin ibiddlu s-suq tal-enerġija b'mod fundamentali. Madankollu, jekk ma jiġux implimentati sew, l-effetti pożittivi tad-diġitalizzazzjoni fuq it-tnaqqis tal-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra jistgħu jiġu kkompensati minn żieda drastika fil-konsum tal-elettriku, minn ċentri tad-*data* u netwerks tat-telekomunikazzjoni.

Il-Prinċipju “l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel” jipprovdi eżempju ċar ta' politika trasversali. Dan jimplika li l-awtoritajiet għandhom jivverifikaw, qabel ma jintroduċu politiki ġodda dwar l-enerġija jew jiddeċiedu dwar l-investimenti, jekk l-istess oġġettivi jistgħux jinkisbu b'mod aktar kosteffiċjenti permezz tal-effiċjenza enerġetika. Xi abbozzi tal-NECPs jipprovdu eżempji konkreti, partikolarment dwar kif dan il-prinċipju ġie ikkunsidrat biex tiġi żgurata l-koerenza bejn l-evoluzzjonijiet proġettati tad-domanda għall-enerġija fit-tfassil tal-miżuri tas-sigurtà tal-enerġija. L-NECPs finali għandhom jiżviluppaw aktar l-applikazzjoni tal-prinċipju.

2.3.3 Kif jistgħu l-abbozzi tal-NECPs jagħtu bidu għall-investimenti meħtieġa?

It-tranżizzjoni lejn in-newtralità f'termini ta' impatt fuq il-klima tfisser bidla profonda għall-ekonomija tagħna. **L-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' investiment u l-iżgurar tal-fondi meħtieġa** huma essenzjali biex jitwettagħ l-investiment addizzjonali annwali ta' madwar EUR 260 biljun²⁴ meħtieġ biex jintlaħqu l-miri tal-UE dwar il-klima u l-enerġija sal-2030. L-NECPs jistgħu jkunu għodda importanti biex jippjanaw investimenti nazzjonali fl-oqsma tal-enerġija u l-klima. Il-finanzjament pubbliku se jkun meħtieġ ukoll biex jittejjbu l-ħiliet diġitali u sostenibbli, biex jissaħħu l-faċilitajiet tar-riċiklaġġ u r-rinnovazzjoni tal-bini pubbliku u biex tinżamm u tiġi rinnovata l-infrastruttura. Il-koordinazzjoni ta' investimenti għodda bejn l-awtoritajiet pubbliċi, is-setturi privati u ċ-ċittadini se tintegra l-finanzjament, tevita assi mhux rekuperabbli u tindirizza ħtiġijiet għodda għan-negozji u ċ-ċittadini.



Illustrazzjoni 5: Il-ħtieġa medja ta' investiment annwali 2021-30 (Sors: L-immudellar tal-Kummissjoni).

Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi²⁵, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa²⁶, il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej u inizjattivi oħra eżistenti m'għadhomx fl-appoġġ ta' investimenti fl-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika. Filwaqt li jibnu fuq dawn, il-proposti tal-Kummissjoni għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss mill-2021-2027 jipprevedu li mill-inqas 25 % tal-fondi tal-Unjoni għandhom jikkontribwixxu għall-appoġġ tal-mitigazzjoni u l-adattament tal-klima. Biex jiġi mmobilizzat il-kapital privat

²⁴ Iċ-ċifra ħarġet mix-xenarju EUCO32-32.5 (f'konformità ma' suppożizzjonijiet teknoloġiċi ewlenin tax-xenarji tal-familji EUCO, ara <https://ec.europa.eu/energy/en/data-analysis/energy-modelling/euco-scenarios>).

²⁵ Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi.

ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1-38.

²⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013.

f'investimenti sostenibbli, 30 % tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-programm InvestEU²⁷ huwa mistenni li jappoġġja l-oġġettivi klimatiki. Taħt it-Tieqa tal-Infrastruttura Sostenibbli tagħha, il-kontribut għall-oġġettivi tal-Unjoni dwar il-klima u l-ambjent għandu jkun saħansitra oġġla (55 %). Bħala parti mill-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, ġie allokat proporzjon iddedikat ta' fondi biex jappoġġja proġetti transkonfinali ta' enerġija rinnovabbli. L-Istati Membri kollha huma mħeġġa wkoll jużaw id-dħul mill-irkant tal-EU ETS għall-iffinanzjar ta' investimenti fit-tnaqqis u l-assorbiment tal-emissjonijiet, l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika, ir-riċerka u l-innovazzjoni għal enerġija nadifa u teknoloġiji tal-industrija.

L-identifikazzjoni u l-kwantifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' investment mistennija u s-sorsi potenzjali ta' finanzjament huma parti essenzjali biex jinkisbu l-oġġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija. Ħdax-il Stat Membru stmax jew **il-ħtiġijiet ta' investment globali biex jilhq u l-oġġettivi tagħhom, (**Franza, l-Italja u Spanja**) jew **partijiet** mill-ħtiġijiet ta' investment tagħhom (**il-Greċja, il-Finlandja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Polonja u r-Rumanija**), filwaqt li pprovdew livelli differenti ta' dettall dwar is-sorsi ta' finanzjament. Il-maġġoranza tal-Istati Membri inkludew fl-abbozzi tal-NECPs xi ċifri ta' investment konkreti.**

B'mod parallel, il-Kummissjoni Ewropea indirizzat dan is-suġġett bħala parti miċ-**ċiklu tas-Semestru Ewropew 2018-2019**, b'fokus qawwi fuq il-ħtiġijiet ta' investment tal-Istati Membri, kemm fir-Rapporti tal-Pajjiżi tal-2019 kif ukoll fil-proposta tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż għas-Semestru 2019 maħruġa fil-5 ta' Ġunju 2019, fejn il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri rċevew rakkomandazzjonijiet dwar l-importanza tal-investment fl-effiċjenza enerġetika, fl-enerġija rinnovabbli u/jew fl-azzjoni klimatika. Din il-valutazzjoni tal-abbozzi tal-NECPs tqis dawn l-aħħar sejbiet u rakkomandazzjonijiet tas-Semestru Ewropew.

Bosta Stati Membri diġà qegħdin jagħmlu r-rabta bejn l-NECPs u r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż bħala parti mis-Semestru Ewropew u l-Istati Membri kollha għandhom jiżguraw din ir-rabta²⁸. B'mod aktar ġenerali, id-djaloga għandu jkompli jimmassimizza l-konsistenza u s-sinerġiji bejn il-politiki dwar l-enerġija u l-klima u s-Semestru Ewropew, bħala għodda ewlenija għall-promozzjoni tar-riformi strutturali. F'dan il-kuntest, il-valutazzjoni makroekonomika robusta tal-politiki u l-miżuri proposti fl-NECP finali hija importanti biex tifhem l-implikazzjonijiet ekonomiċi ġenerali tal-politiki ppjanati. Il-progress li sar lejn il-finalizzazzjoni tal-NECPs se jinforma r-rapporti tal-pajjiżi tas-Semestru Ewropew tal-2020.

Il-Kummissjoni pproponiet²⁹ li **l-fondi tal-politika ta' koeżjoni** jqisu l-ħtiġijiet nazzjonali u reġjonali li l-NECPs jidentifikaw. Il-prijoritajiet għall-investimenti

²⁷ COM/2018/439 final.

²⁸ Ir-Regolament dwar il-Governanza jsemmi b'mod espliċitu li jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima jqisu l-iżjed rakkomandazzjonijiet speċifiċi reċenti għall-pajjiż li jkunu nħarġu fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

²⁹ Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u

identifikati fir-Rapporti tal-Pajjiżi taħt iċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew tal-2019 u deskritti fl-abbozz tal-NECPs huma komplementarji. Partikolarment rilevanti se jkun l-appoġġ li jista' jgħin biex tinbena l-kapaċità għall-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, jipprovdi assistenza teknika u kooperazzjoni transkonfinali. Għall-perjodu 2021-2027, se jkun hemm fokus qawwi fuq it-tranżizzjoni għal enerġija nadifa u ġusta, R&I u tranżizzjoni industrijali bbażata fuq speċjalizzazzjoni intelliġenti, akkoppjament transsettorjali ta' raggruppamenti industrijali u appoġġ għal kooperazzjoni interreġjonali f'attivitajiet ta' innovazzjoni. Barra minn hekk, fil-proposti tal-Kummissjoni, l-adozzjoni ta' NECP komplut hija "kundizzjoni tematika abilitanti" għall-aċċess għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni għall-effiċjenza enerġetika u l-investimenti fl-enerġija rinnovabbli b'mod partikolari.

2.3.4 Kif jistgħu l-abbozzi tal-NECPs jipromwovu l-kompetittività tal-Unjoni?

Bejn issa u l-2030, kull Stat Membru jeħtieġ li **joħloq il-kundizzjonijiet ta' qafas it-tajba biex jiżviluppa katini strateġiċi ta' valur**, biex ikun lest għaċ-ċiklu ta' investiment li jmiss u biex jappoġġja n-newtralità f'termini ta' impatt fuq il-klima sal-2050. L-abbozzi tal-NECPs ġeneralment jistgħu jibbenefikaw minn ħarsa ġenerali aktar dettaljata tal-mod kif l-Istati Membri beħsiebhom jipromwovu dawn il-kundizzjonijiet, billi jikkoordinaw politiki u miżuri indirizzati biex jipromwovu b'mod kosteffikaċi t-trasformazzjoni industrijali lejn industrija newtrali għall-klima, ċirkolari u sostenibbli bejn issa u l-2030. Dawn il-kundizzjonijiet ta' qafas għandhom jaġixxu bħala muturi għall-bidla li jibbenefikaw minnha s-soċjetà u l-pjaneta mingħajr ma jitilfu l-vantaġġ kompetittiv tal-industrija Ewropea.

B'mod aktar ġenerali, l-NECPs għandhom jgħinu **jidentifikaw u jiżviluppaw il-vantaġġi kompetittivi tal-Istati Membri** waqt li jivvalutaw kif xieraq l-impatt tal-miżuri proposti. L-analiżi aktar ċara tal-impatti makroekonomiċi tal-politiki proposti u tal-isfidi tal-kompetittività ffaċċjati mill-industriji, hija kruċjali biex titmexxa b'suċċess it-tranżizzjoni tal-enerġija u l-klima. L-approċċ propost minn bosta Stati Membri biex iniedu proċess wiesa' ta' konsultazzjoni mal-industrija f'dan ir-rigward huwa prattika tajba.

Il-politika tal-kompetizzjoni tiżgura li l-infiq tal-gvern b'appoġġ għat-tranżizzjoni lejn emissjonijiet baxxi u enerġija nadifa huwa effiċjenti u ma joħloqx distorsjonijiet fis-suq intern tal-enerġija. Filwaqt li ma jissostitwixxux ir-rekwiżiti legali eżistenti f'termini ta' notifika, l-NECPs jistgħu jkun u tli biex jidentifikaw il-ħtiġijiet futuri għal notifika minn qabel tal-għajnuna mill-Istat. L-Istati Membri għandhom ukoll jiżguraw li l-politiki u l-miżuri jirrispettaw l-obbligi internazzjonali, partikolarment fil-kuntest tal-Ftehimiet tad-WTO.

2.3.5 Kif jipromwovu tranżizzjoni ġusta l-abbozzi tal-NECPs?

It-trasformazzjoni prevista tal-ekonomiji tagħna se teħtieġ approċċ integrat biex jiġu vvalutati bir-reqqa l-impatti soċjali, territorjali u fuq l-impjiegi fuq medda

l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi, COM/2018/375 finali - 2018/0196 (COD).

qasira ta' żmien u fit-tul. Din il-valutazzjoni hija l-bażi għal taħlita komprensiva ta' politiki biex tiżgura tranżizzjoni ġusta. Il-finanzjament pubbliku għat-titjib tal-ħiliet, ir-riċerka, l-innovazzjoni, l-infrastruttura u l-protezzjoni soċjali għandu jkun allinjat mal-ħtiġijiet ġodda tas-soċjetà. Għas-suċċess tal-pjanijiet tal-UE għall-enerġija u l-klima, id-dimensjoni soċjali għandha tkun integrata mill-bidu. Dan jgħin biex tiġi żgurata tranżizzjoni soċjalment ġusta, inkluż fiż-żoni rurali, u, eventwalment, l-aċċettazzjoni soċjali u l-appoġġ pubbliku għar-riforma, b'mod partikolari għal proġetti fuq skala kbira u teknoloġiji innovattivi.

Fejn meħtieġ, il-miżuri ta' mitigazzjoni jew kumpens, inkluż biex jitnaqqas il-faqar enerġetiku, jeħtieġ li jkunu parti mir-riformi u l-NECPs għandhom jenfasizzawhom.

Il-faqar enerġetiku għadu jaffettwa kważi 50 miljun persuna fl-Unjoni kollha. L-NECPs għandhom jindirizzaw il-faqar enerġetiku b'mod aktar strutturat, billi jibdeu b'valutazzjoni tan-numru ta' familji fil-faqar enerġetiku kif ukoll il-karatteristiċi ewlenin tagħhom (kompożizzjoni, livelli ta' dħul, eċċ.) u l-konċentrazzjoni ġeografika potenzjali tagħhom³⁰. Fejn in-numru huwa sinifikanti jew fejn gruppi jew reġjuni speċifiċi huma esposti għal tbatija, għandu jiġi identifikat objettiv indikattiv biex jitnaqqas il-faqar enerġetiku flimkien ma' gruppi, politiki u miżuri fil-mira rilevanti kif ukoll sorsi ta' finanzjament potenzjali. Diġà hemm xi elementi pożittivi f'numru ta' abbozzi tal-NECPs. Pereżempju, il-**Greċja** tistabbilixxi objettivi speċifiċi, filwaqt li l-valutazzjonijiet mill-**Italja, Malta** u l-**Finlandja** jipprovdu livell tajjeb ta' dettall.

Il-Fond Soċjali Ewropew (ESF+) u l-Aġenda għall-ħiliet għall-Ewropa huma wkoll strumenti importanti biex jakkumpanjaw it-tranżizzjoni lejn livell baxx ta' karbonju u tal-enerġija. Flimkien mal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, huma jgħinu wkoll biex jiżguraw li n-nies jingħataw opportunitajiet indaqs u aċċess għal suq tax-xogħol soġġett għal bidliet fir-rekwiżiti tal-ħiliet u l-kompożizzjoni settorjali. B'mod partikolari, il-Pilastru jenfasizza d-dritt għat-taħriġ mill-ġdid, it-titjib tal-ħiliet u l-protezzjoni soċjali – kollha elementi kruċjali ta' tranżizzjoni ġusta.

B'mod parallel, il-Fond għall-Modernizzazzjoni ffinanzjat mill-EU ETS huwa ddedikat għall-immodernizzar tas-sistemi tal-enerġija tal-ġaxar Stati Membri bl-aktar dħul baxx u se jgħin ukoll biex iħeġġeġ it-tranżizzjoni għal ekonomija newtrali għall-klima filwaqt li jippromwovi l-konverġenza 'l fuq.

Il-Kummissjoni se tesplora aktar is-sinerġiji possibbli ma' inizjattivi oħra mmirati biex jindirizzaw l-isfidi u l-potenzjal tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa f'territorji speċifiċi Ewropej, bħalma huma l-Patt tas-Sindki tal-UE għall-Klima u l-Enerġija, l-Inizjattiva tal-Enerġija Nadifa għall-Gżejjer tal-UE, l-Istrateġija tal-Kummissjoni lejn ir-reġjuni ultraperiferiċi, l-Alleanza Ewropea tal-Batteriji u l-Inizjattiva tat-Tranżizzjoni tar-Reġjun tal-Faħam.

2.3.6 Kif jirrelataw mal-politiki ambjentali l-abbozzi tal-NECPs?

³⁰ Is-sehem sinifikanti tal-familji esposti għall-faqar enerġetiku eż. huma familji bi dħul medju (abbażi tad-data tal-Istatistika tal-UE dwar l-Introjt u l-Kondizzjonijiet tal-Għajxien (EU-SILC)).

L-azzjonijiet klimatiċi u tal-enerġija jistgħu jgħibu benefiċċji għall-**kwalità tal-arja**. L-indirizzar tat-**telf tal-bijodiversità u t-tibdil fil-klima** huma politiki li għandhom jimxu id f'id. Il-benefiċċji tal-**ekonomija ċirkolari** għad-dekarbonizzazzjoni huma rikonoxxuti sew.

Xi Stati Membri diġà integraw dawn l-elementi fl-abbozzi tal-NECPs tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-konsistenza bejn l-NECPs tagħhom u l-Programmi Nazzjonali għall-Kontroll tat-Tniġġis tal-Arja (NAPCPs)³¹, inklużi l-aspetti kwantitattivi tagħhom, kif meħtieġ mil-leġiżlazzjoni rispettiva. Ir-rabtiet bejn l-istrateġiji tal-enerġija u tal-klima u l-preservazzjoni tal-bijodiversità, l-ekonomija ċirkolari, il-bijoeconomija u l-effiċjenza tar-riżorsi għandhom isiru espliċiti, jiġu identifikati miżuri konkreti, jiġu vvalutati l-impatti tagħhom u jiġu stabbiliti azzjonijiet korrettivi meta jkun xieraq. Pereżempju, aktar użu mill-ġdid ta' prodotti u riċiklaġġ aħjar ta' ċerta materja prima sekondarja jistgħu jnaqqsu d-domanda għall-enerġija.

Il-Kummissjoni tista' tgħin lill-Istati Membri biex jinkorporaw dawn l-aspetti fl-NECPs tagħhom, permezz ta' djalogi ta' politika u kondiviżjoni tal-aħjar Prattika, billi tuża strumenti bħal Djalogi dwar l-Arja Nadifa, Missjonijiet ta' Ċirku Virtuż, TAIEX (Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni) peer2peer, pjanijiet ta' azzjoni għall-ekonomija ċirkolari, LIFE, gwida dwar Natura 2000 u l-enerġija rinnovabbli u l-klima, jew l-appoġġ ipprovdut mis-Servizz ta' Sostenn għar-Riforma Strutturali.

3. IL-PASSI LI JMISS – LEJN IL-PJANIJIET NAZZJONALI FINALI

3.1. Proċess iterattiv kontinwu

L-analiżi f'din il-Komunikazzjoni u r-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar l-abbozzi tal-NECPs imsejsa mid-Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal speċifiċi għall-pajjiż huma l-ewwel stadji importanti tal-proċess iterattiv għall-finalizzazzjoni tal-NECPs.

Mill-2015, il-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri ilhom jaħdmu id f'id dwar it-tnejn u s-sottomissjoni tal-ewwel abbozzi tal-NECPs. Fix-xhur li ġejjin, il-Kummissjoni se tkompli u tintensifika l-iskambji tekniċi mal-Istati Membri, inkluż permezz ta' laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma Tekniku u laqgħat bilaterali.

Il-miri miftiehma dwar l-enerġija u l-klima għall-2030 huma ambizzjużi ħafna u jeħtieġu sforzi konkreti fl-ekonomija kollha. L-abbozzi tal-NECPs joffru pjattaforma komuni, solida u komparabbli biex fl-Unjoni kollha jiġu involuti s-soċjetà ċivili, in-negozju, is-sħab soċjali u l-gvernijiet lokali u jiġu diskussi magħhom l-isfidi komuni tal-Unjoni u l-prijoritajiet fit-tul fil-qasam tal-enerġija u l-klima. Bis-saħħa tal-pubblikazzjoni tagħhom fiż-żmien tas-sottomissjoni, dawn id-diskussjonijiet diġà bdew b'mod trasparenti. Dawn l-interazzjonijiet għandhom jgħinu biex iżidu l-livell ta' ambizzjoni tal-NECPs finali, kif ukoll jipprovdut eżempji tanġibbli

³¹ Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE, ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1–31. Il-Programm Nazzjonali għall-Kontroll tat-Tniġġis tal-Arja skont l-Artikolu 6 huwa l-miżura ewlenija ta' governanza li biha l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impjenji ta' tnaqqis għall-2020 u l-2030 jintlaħqu.

ta' proġetti u politiki li għandhom jiġu implimentati fl-għaxar snin li ġejjin. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku jkollu opportunitajiet bikrija u effettivi biex jipparteċipa fit-thejjiya tal-pjanijiet finali, li mbagħad għandhom jinkludu sommarju tal-opinjoni tal-pubbliku.

B'mod parallel, il-Kummissjoni se tkompli wkoll tiżgura l-parteċipazzjoni tal-livelli kollha tas-soċjetà b'mod sistematiku, filwaqt li ssaħħa sinerġiji aktar b'saħħithom bejn l-isforzi Ewropej, nazzjonali, u lokali permezz tal-NECPs. Fit-tieni nofs tal-2019 u lil hinn, il-Kummissjoni Ewropea se tkompli tippromwovi d-dibattitu inklużiv dwar l-NECPs.

3.2. Il-prijoritajiet għas-sitt xhur li jmiss

Is-sitt xhur li ġejjin – sal-aħħar tal-2019 – se jkunu kruċjali għall-Istati Membri biex jiżviluppaw l-NECPs solidi, robusti, kompluti u affidabbli finali tagħhom. Biex timmassimizza l-impatt tal-iskambji li ġejjin, il-Kummissjoni tixtieq tmexxi daww l-iterazzjonijiet madwar seba' priyoritajiet ewlenin.

Fir-rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Istati Membri, il-Kummissjoni enfasizzat it-tweġġ tad-dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija nfushom, iżda wkoll il-kwistjonijiet ta' importanza speċifika, b'mod partikolari l-investment, it-tranżizzjoni soċjalment ġusta, u l-kwalità tal-arja.

Fil-finalizzazzjoni tal-NECPs, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-prijoritajiet li ġejjin flimkien mar-Rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż.

3.2.1 Jingħalqu d-diskrepanzi kollha ta' "ambizzjoni" u ta' politika tal-2030

Għad hemm lok biex jingħalqu bosta diskrepanzi meta jiġu ffinalizzati l-NECPs. Rigward il-kontributi dwar l-effiċjenza enerġetika u s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, xi Stati Membri qed jintalbu jisfruttaw aħjar il-potenzjal nazzjonali tagħhom filwaqt li oħrajn jeħtieġ li jikkonfermaw l-oġettivi tagħhom li huma diġà ambizzjużi. Fil-finalizzazzjoni tal-NECPs, l-Istati Membri għandhom kollettivament iżidu l-isforzi biex jiksibu l-għanijiet tal-Unjoni għall-2030 dwar l-enerġija u l-klima, billi l-kontinwazzjoni tal-politiki eżistenti fl-istess skala ma tkunx biżżejjed biex jintlaħqu dawn il-miri.

Ħafna Stati Membri huma wkoll mitluba biex jissostanzjaw aktar l-ilħuq tal-miri u l-kontributi nazzjonali tagħhom lejn il-miri fil-livell Ewropew **b'politiki u miżuri addizzjonali aktar konkreti**, ibbażati fejn rilevanti fuq sorsi ta' finanzjament, u biex jaħdmu aktar fuq il-pedament analitiku tan-NECPs tagħhom. L-NECPs finali għandhom ikunu kompluti u komprensivi biex jippermettu li l-isforzi u l-progress jiġu mmonitorjati u riveduti b'mod adegwat kif meħtieġ. Il-Kummissjoni qabel ippubblikat gwida li tista' tintuża biex jiġu stabbiliti oġettivi li jistgħu jitkejlu u jintlaħqu, realistiċi u marbuta mal-ħin fil-ħames dimensjonijiet kollha³².

³² Fl-2015, il-Kummissjoni pproduċiet SWD dwar il-monitoraġġ tal-progress lejn l-oġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija bħala parti mill-ewwel pakkett tal-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija. Dan id-dokument jinkludi sett ta'

Jekk l-ambizzjoni tal-NECPs finali tibqa' insuffiċjenti għall-ilħuq kollettiv tal-oġġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija u, b'mod partikolari l-miri tal-2030 għall-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, il-Kummissjoni se jkollha tikkunsidra miżuri addizzjonali fil-livell tal-Unjoni sabiex tiżgura li dawn jintlaħqu.

3.2.2 *Jiġu involuti l-ministeri rilevanti kollha fil-livell nazzjonali*

L-abbozzi tal-NECPs **jirrappreżentaw opportunità bla preċedent għall-Istati Membri biex jesploraw aħjar is-sinerġiji bejn l-oqsma tal-politika u biex jadottaw approċċ ta' "gvern sħiħ" veru.**

Filwaqt li bosta Stati Membri diġà żviluppaw struttura istituzzjonali ġdida li tippermetti koordinazzjoni aħjar f'oqsma ta' politika differenti, għad irid isir aktar xogħol bil-ħsieb li jiġu ffinalizzati u implimentati l-NECPs. Dan huwa partikolarment il-każ għal sinerġiji u kooperazzjoni mal-ministeri tal-finanzi u l-ekonomija. Is-sinerġiji deskritti tal-politiki dwar l-enerġija u l-klima ma' oqsma bħall-politika reġjonali, industrijali, tat-trasport, diġitali, soċjali, agrikola u ambjentali jistgħu jiġu esplorati aħjar. Dan jinkludi koerenza sħiħa bejn l-aspetti tal-fjuwil alternattiv fil-pjanijiet finali u l-Qafas ta' Politika Nazzjonali li kull Stat Membru għandu jissottometti sa Novembru 2019 taħt id-Direttiva dwar l-Infrastruttura tal-Karburanti Alternattivi³³.

3.2.3 *Joħroġ l-aħjar mill-kooperazzjoni mal-Istati Membri ġirien*

Sforzi kontinwi dwar il-**kooperazzjoni reġjonali** għandhom jinġiebu għal-livell li jmiss biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tas-suq u politiki u miżuri kosteffiċjenti. L-Istati Membri huma mħeġġa wkoll ikomplu bil-kooperazzjoni, mhux biss mal-Istati Membri ġirien tagħhom, iżda wkoll ma' firmatarji tal-Komunità tal-Enerġija u ma' membri ta' pajjiżi terzi taż-Żona Ekonomika Ewropea.

Kooperazzjoni reġjonali – prattika tajba:

Biex tgħin fit-tħejjija tal-abbozzi tal-NECPs, ir-**Riċerka tal-Enerġija Nordika** kkoordinat analiżi tas-sistema tal-enerġija bbażata fuq xenarji li tesplora l-bidliet fis-sistemi tal-enerġija tal-pajjiżi Baltiċi. Fil-**qafas tal-kooperazzjoni tal-Benelux**, ġiet iffirmata dikjarazzjoni fil-marġini tal-Kunsill tal-Enerġija tal-11 ta' Ġunju 2018 biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni fit-tħejjija tal-abbozzi tal-NECPs. Il-membri tal-**Forum dwar l-Enerġija Pentalaterali** ffirmaw, fil-marġini tal-Kunsill tal-Enerġija tal-4 ta' Marzu 2019, dikjarazzjoni politika li tikkonferma l-intenzjoni tagħhom li jżommu u jsaħħu l-kooperazzjoni fl-iżvilupp u l-monitoraġġ tal-NECPs b'fokus speċifiku fuq kwistjonijiet b'rilevanza transkonfinali għolja. Fi ħdan il-**Kooperazzjoni fl-Enerġija tal-Ibħra tat-Tramuntana**, bosta Stati Membri impenjaw ruħhom li jiżviluppaw elementi kkoordinati għall-NECPs tagħhom biex jiffaċilitaw l-użu kosteffettiv tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, partikolarment l-enerġija mir-riħ. Il-Kummissjoni tistenna

indikaturi ewlenin rilevanti biex jikkwantifikaw u jkejlu l-progress dwar l-oġġettivi u l-miri tal-UE dwar l-enerġija u l-klima. SWD(2015) 243 final. <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1449767808781&uri=CELEX:52015SC0243>.

³³ Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi *ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1–20*.

bil-ħerqa kooperazzjoni simili f'baċiri oħra tal-baħar filwaqt li jitqies li l-kisba ta' ekonomija newtrali għall-klima sal-2050 se teħtiegħ li parti sostanzjali mill-elettriku tal-Ewropa tiġi ġġenerata lil hinn mill-kosta³⁴.

B'mod aktar ġenerali, mingħajr it-tmexxija tal-Unjoni Ewropea, se jkun diffiċli li jintlaħaq l-oġġettiv li titħaffef it-tranżizzjoni dinjija tal-enerġija u l-klima. Fl-istess ħin, l-isforzi tal-Unjoni se jkollhom ftit impatt fuq skala globali jekk il-pajjiżi terzi ma jseguw l-istess triq. F'dan l-isfond, l-Istati Membri huma mħeġġa jikkomplementaw l-NECPs tagħhom b'politiki prattiċi, potenzjalment trasferibbli u skalabbli li jistgħu jiġu kondiviżi lil hinn mill-Ewropa bħala parti mill-isforzi tal-Unjoni biex tmexxi t-tranżizzjoni globali lejn enerġija nadifa. Jekk jitqies xieraq, l-Istati Membri jistgħu wkoll jikkonsultaw ma' pajjiżi terzi li esprimew interess.

3.2.4 Jintużaw l-NECPs biex jappoġġjaw l-industrija, il-kompetittività u l-innovazzjoni

Se tkun meħtieġa firxa wiesgħa ta' riformi biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tat-tkabbir tal-politiki dwar il-klima u l-enerġija. L-NECPs jeħtieġ li jgħinu jidentifikaw u jiżviluppaw il-vantaġġi kompetittivi tal-Istati Membri billi jstabilixxu r-riformi t-tajba kif ukoll is-sinjali u l-inċentivi ta' investiment korretti, inkluż billi jiżviluppaw aktar it-tassazzjoni. L-NECPs għandhom jstabilixxu l-oġġettivi meħtieġa filwaqt li jappoġġjaw ir-riformi strutturali nazzjonali u l-użu ta' strateġiji industrijali integrati li jagħtu prijorità lill-kompetittività, is-sostenibbiltà, l-investimenti, l-infrastruttura tal-kummerċ u l-innovazzjoni. **Strateġiji aktar ċari f'termini ta' prijoritajiet ta' riċerka u innovazzjoni** jistgħu jsaħħu wkoll il-prijoritajiet Ewropej fit-tul filwaqt li jsostnu l-esportazzjonijiet tal-UE f'setturi l-aktar avvanzati.

L-NECPs jistgħu jsiru **pjattaformi utli biex jiżviluppaw mas-settur bankarju, programmi ġodda għall-finanzjament ta' investiment fit-tul u biex jistimulaw il-mobilizzazzjoni ta' riżorsi privati jew biex jappoġġjaw inizzjattivi ġodda bejn l-atturi tal-industrija f'setturi u ktajjen ta' valur differenti**, u jtejbu dawk diġà mnedija mill-Kummissjoni fl-2017, bħal dik dwar il-batteriji u l-plastiks (Alleanza Ewropea tal-Batteriji u Alleanza Ċirkolari dwar il-Plastik).

3.2.5 Jiġi attirat l-investiment u jiġu identifikati opportunitajiet ta' finanzjament

Il-mobilizzazzjoni ta' investimenti ġodda u finanzjament privat se tkun parti ewlenija fl-implimentazzjoni tal-NECPs fis-snin li ġejjin. Iċ-ċarezza dwar l-oġġettivi u l-istrumenti tal-politika se tkun essenzjali għall-identifikazzjoni kemm tal-ambitu kif ukoll tal-iskala tal-ħtiġijiet ta' investiment addizzjonali, biex b'hekk ikun aktar faċli li jiġu ppjanati u mobilizzati sorsi differenti ta' finanzjament. Fix-xhur li ġejjin l-Istati Membri għandhom għalhekk jiċċaraw l-istrumenti u jsaħħu l-analiżi tal-ħtiġijiet ta' investiment ipproġettati, l-ostakoli eżistenti u s-sorsi possibbli ta' finanzjament, filwaqt li jqisu wkoll is-sinerġiji mal-proċess tas-Semestru Ewropew.

³⁴ Id-Direttiva tal-UE dwar l-ippjanar spazjali marittimu, l-isforzi kontinwi tal-UE biex tistimula l-innovazzjoni u ttejjeb l-aċċess għal *data* affidabbli tal-oċeani kif ukoll l-opportunitajiet immirati fi ħdan l-InvestEU għall-kejbils meħtieġa u l-infrastruttura tal-portijiet se jappoġġjaw din it-tranżizzjoni.

Din il-valutazzjoni dettaljata hija essenzjali biex tiżgura infiq effiċjenti u aktar immirat tar-riżorsi tal-Istat, biex tinforma lill-industrija aħjar dwar id-direzzjoni tal-politiki, u biex tattira investimenti ġodda, b'riperkussjonijiet pożittivi f'termini ta' impjegi u tkabbir. Ix-xogħol attwali tal-Kummissjoni Ewropea dwar finanzjament sostenibbli, bil-għan li torjenta mill-ġdid il-flussi tal-kapital minn investituri privati għal investimenti ambjentalment sostenibbli, jista' jgħin biex jiġu identifikati opportunitajiet ta' investiment u jiġi mmobilizzat il-finanzjament privat.

Għandhom jiġu sfruttati s-sinerġiji ma' **politiki eżistenti u futuri tal-Unjoni u ma' strumenti finanzjarji tal-Unjoni**. B'mod parallel, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġja lill-Istati Membri fil-finalizzazzjoni u l-implementazzjoni tal-NECPs tagħhom billi twettaq numru ta' miżuri abilitanti kif deskritt hawn fuq.

3.2.6. Tiġi integrata bis-sħiħ id-dimensjoni soċjali

L-indirizzar tal-aspetti soċjali se jkun essenzjali biex tiġi żgurata tranżizzjoni b'suċċess lejn enerġija nadifa. Fl-NECPs finali tagħhom, l-Istati Membri huma mħeġġa jindirizzaw bis-sħiħ il-kwistjoni li tiġi żgurata **tranżizzjoni soċjalment ġusta**.

Dan jinkludi b'mod partikolari aspetti tal-**impjegi**, inkluż it-taħriġ, it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, kif ukoll protezzjoni soċjali adegwata għall-persuni kkonċernati mit-tranżizzjoni tal-enerġija. L-indirizzar kif suppost tad-dimensjoni tal-**faqar enerġetiku** huwa meħtieġ ukoll, inkluż billi jiġi vvalutat in-numru ta' familji fil-faqar enerġetiku u fejn meħtieġ jiġi ddefinit objettiv indikattiv biex jitnaqqas il-faqar enerġetiku.

Finalment, daww l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkunsidraw l-impatt tat-tranżizzjoni fuq il-popolazzjonijiet li jgħixu f'**reġjuni li jużaw ħafna faħam jew karbonju** u jagħmlu r-rabta ma' azzjonijiet eżistenti, ippjanati jew meħtieġa f'dan ir-rigward.

3.2.7 Jittieħdu inkonsiderazzjoni l-objettivi fit-tul u l-viżjoni fit-tul

Fl-istess waqt li jiffinalizzaw l-NECPs tagħhom, ir-Regolament dwar il-Governanza jirrikjedi li l-Istati Membri jiżviluppaw **l-istrateġiji nazzjonali fit-tul** tagħhom **ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra** b'perspettiva ta' mill-inqas 30 sena. Aktar minn nofs l-abbozzi tal-NECPs diġà jinkludu objettivi jew viżjonijiet għall-2050, għalkemm b'livelli differenti ta' dettall. Kemm l-NECPs kif ukoll l-istrateġiji fit-tul għandhom jiġu żviluppati b'mod komplementarju, filwaqt li jikkontribwixxu wkoll għall-ħidma li għaddejja biex tiġi ffinalizzata l-istrateġija Ewropea fit-tul li l-Unjoni Ewropea se jkollha tissottometti sal-2020 taħt il-Ftehim ta' Pariġi u l-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima. Waqt li jiffokaw fuq l-orizzont tal-2030, l-orizzont tal-2050 għandu jiġi inkluż fl-NECPs, inkluża riflessjoni tal-konsistenza tal-miri u tal-objettivi mal-mira ta' dekarbonizzazzjoni fit-tul u sforzi ulterjuri biex **jikkwalifikaw aħjar l-objettivi fit-tul** fil-ħames dimensjonijiet kollha.

Fit-tieni nofs tal-2019, il-formazzjonijiet rilevanti tal-Kunsill għandhom ikunu jistgħu jiffinalizzaw id-dibattiti ta' politika tagħhom li għaddejjin dwar il-viżjoni Ewropea għal Ewropa newtrali għall-klima sal-2050 b'riflessjoni dwar dan l-aspett fl-NECPs finali.

Aktar minn nofs l-abbozzi tal-NECPs jinkludu objettivi jew viżjonijiet għall-2050,

għalkemm b'livell differenti ta' dettall. Id-**Danimarka, Spanja, Franza**, in-**Netherlands**, il-**Portugall** u l-**Iżvezja** jimmiraw għan-**newtralità f'termini ta' impatt fuq il-klima** sa mhux aktar tard mill-2050. **Franza** u r-**Renju Unit** stabbilixxew **miri legalment vinkolanti għall-2050** fil-leġiżlazzjoni domestika tagħhom u jużaw il-baġits tal-karbonju bħala mekkaniżmu biex jiżguraw il-konsistenza tal-objettivi fuq żmien medju u twil. In-**Netherlands**, il-**Portugall** u l-**Iżvezja** **żiedu l-miri** nazzjonali tagħhom **għall-2030 tal-gassijiet b'effett ta' serra** biex ikunu konsistenti mal-miri tagħhom fit-tul. L-Istati Membri l-oħra b'objettivi ta' dekarbonizzazzjoni għall-2050 jinkludu ċ-**Ċekja, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, l-Italja, il-Litwanja, l-Ungerija, l-Awstrija** u l-**Finlandja**.

4. KONKLUŻJONIJIET

It-twettiq tal-impenji tal-Unjoni tal-Enerġija jeħtieġ aktar kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u s-setturi kollha tas-soċjetà, inklużi l-partijiet ikkonċernati, is-sħab soċjali u l-pubbliku ġenerali. Dan huwa proċess konġunt li fih is-sottomissjoni fil-ħin mill-Istati Membri tal-NECPs integrati finali għall-perjodu ta' wara l-2020 hija stadju importanti ewlieni.

Sabiex jiġi żgurat li l-NECPs finali sottomessi sal-aħħar tal-2019 jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha u jilhqqu l-miri ambizzjużi tal-UE għall-2030, il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill biex jiftaħ dibattitu dwar il-prijoritajiet ewlenin identifikati minn din il-Komunikazzjoni u r-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni biex tiżgura li l-NECPs finali jkun fihom livell adegwat ta' ambizzjoni biex jissodisfaw, b'mod partikolari, il-miri tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza enerġetika fuq livell Ewropew. Il-Kummissjoni se żżomm djalogu mill-qrib mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill dwar il-progress miksub mill-Unjoni tal-Enerġija dwar id-dimensjonijiet kollha tal-politiki tal-enerġija u tal-klima.

B'mod parallel, il-Kummissjoni Ewropea se tappoġġja lill-Istati Membri fil-finalizzazzjoni tal-NECPs tagħhom sal-aħħar tal-2019, billi tibni fuq il-proċess ta' kooperazzjoni eċċellenti sal-lum.

L-NECPs solidi u komprensivi se jkunu kruċjali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, l-implimentazzjoni tagħhom u l-kontribut tal-Unjoni għall-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li jiġġeneraw il-kunfidenza tal-investituri u ċ-ċertezza tal-investimenti.

Lil hinn mill-fruntieri tagħna, il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima se jkunu espressjoni tal-kredibbiltà tal-Unjoni Ewropea dwar il-politika internazzjonali dwar il-klima, inkluż it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa, u jikkontribwixxu għall-**għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni fit-tul** fil-kuntest tal-**Ftehim ta' Pariġi** u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU. Jistgħu jsiru l-aħjar prattika internazzjonali dwar l-iżvilupp ta' ppjanar sod tal-politika dwar l-enerġija u l-klima ta' nofs it-terminu u jkunu għodda biex irawmu l-kooperazzjoni internazzjonali madwar dawk l-għanijiet.

It-twettiq ta' dawn l-NECPs finali se jkun il-bidu, mhux punt ta' tmiem – id-djalogu kontinwu, il-kooperazzjoni u r-rieżamijiet tal-livell ta' ambizzjoni se jibqgħu kritiċi sal-2030 u lil hinn.